# 50 SENA MILL-KUNSILL ĊIVIKU TA' GĦAWDEX –

## Esperjenza tal-Passat jew Mudell għall-Futur?

# KUNSILL ĊIVIKU TA' GĦAWDEX

Esperjenza tal-Passat jew Mudell għall-Futur?

## Indiċi


**Diskors Mr. Anton Tabone** 4
*Chairman - Kumitat Organizzattiv*

**Diskors Dr. Samuel Azzopardi** 8
*President Reġjun Għawdex*

**Diskors Onor. Stefan Buontempo** 10
*Kelliem Ewlieni għall-Gvern Lokali*

**Diskors L-E.T. Mons. Mario Grech** 12
*Isqof ta' Għawdex*

**Diskors Dr. Edward Warrington** 15
*Kap tad-Dipartiment tal-Public Policy*
*L-Università ta' Malta*

**Diskors Mr. Luc Van den Brande** 19
*President CIVEX*

**Diskors Onor. Chris Said** 23
*Segretarju Parlamentari għall-Konsumaturi, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika*

**Diskors Onor. Giovanna Debono** 26
*Ministru għal Għawdex*



Diskorsi li saru waqt konferenza organizzata mill-Kumitat Organizzattiv – 50 Sena Kunsill Ċiviku ta' Għawdex imwaqqaf mis-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika, li saret fil-Lukanda Kempinski, San Lawrenz Għawdex nhar it-Tlieta 14 ta' Ġunju 2011.

Kumitat Organizzattiv: Mr Anton Tabone (Chairman), Mr Johann Attard, Dr Samuel Azzopardi, Mr John Cremona, Mr Anton Said, Mr Aldo Formosa (Segretarju)

# KUNSILL ĊIVIKU TA' GĦAWDEX

## Esperjenza tal-Passat jew Mudell għall-Futur?



## Mr. Anton Tabone K.O.M.

### Chairman - Kumitat Organizzattiv

Inħatar l-ewwel Ministru għal Għawdex fil-1987 u reġa ngħata l-istess ħatra fil-1992, kariga li żamm sa Ottubru tal-1996. Bejn l-1998 u l-2008 huwa kien Speaker tal-Kamra tad-Deputati.
Anton Tabone ġie elett f'isem il-Partit Nazzjonalista fl-1966 u kien Deputat fil-Kamra tar-Rappreżentanti għal iżjed minn tnejn u erbgħin sena, għall-ewwel bħala backbencher u mbagħad bħala Shadow Minister, Ministru u fl-aħħar Speaker. Kien ukoll membru tal-Kumitat Eżekuttiv tal-PN, u membru tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex, li llum m'għadux jeżisti, fejn ippresjeda għadd ta' kumitati fi ħdan dak il-Kunsill.
Matul il-ħatra tiegħu bħala Ministru għal Għawdex huwa ġab 'il quddiem l-aspett reġjonali tal-gżira kemm fil-kuntest nazzjonali u kemm fi ħdan il-Konferenza ta' Reġjuni Periferali u Marittimi (CPMR) li Għawdex daħal Membru tagħha. Bħala Speaker huwa ġab 'l quddiem l-inizjattiva ta' Malta li titwaqqaf l-Assemblea Parlamentari tal-Mediterran u it-twaqqif tas-Segretarjat tagħha f'Malta. Huwa mexxa b'suċċess it-transizzjoni diffiċli li matulha l-Parlament ta' Malta għadda minn wieħed ta' Stat mhux membru tal-Unjoni Ewropea għal dak ta' Stat Membru meta Malta ssieħbet bħala Membru tal-Unjoni Ewropea fl-2004.
Tabone għen biex iġib 'l quddiem l-interessi ta' Għawdex u tal-Għawdxin u llum il-ġurnata d-dimensjoni ta' Għawdex qiegħda tkun meqjusa fuq quddiem nett kemm tal-politika nazzjonali kemm tad-dimensjoni territorjali tal-Unjoni Ewropea.
Fl-2008 Anton Tabone inħatar Membru ta' l-Ordni Nazzjonali tal-Meritu fi grad ta' Kumpann u fl-2009 ġie nominat iservi ta' Aġent President ta' Malta.

### *Diskors Mr. Anton Tabone*

**KAWŻA NAZZJONALI**

Meta ġejt avviċinat mis-Segretarju Parlamentari l-Onorevoli Chris Said biex immexxi kumitat imwaqqaf apposta biex ifakkar b'mod denju kemm jista' jkun, il-ħamsin anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex, ħassejt sodisfazzjon kbir li xi ħadd f'dan il-pajjiż ftakar biex ifakkar avveniment importanti daqskemm hu storiku li seħħ f'Għawdex fl-1961. Avveniment li kellu ukoll relevanza għal Malta ta' ħamsin sena ilu. Il-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex twieled meta Malta kienet tinsab bla Gvern għax il-Kostituzzjoni tagħha kienet ġiet irtirata mill-Awtoritajiet Kolonjali. Din is-sitwazzjoni anomala li Malta titlef il-Gvern Nazzjonali u Għawdex jakkwista l-Gvern Lokali, setgħet ħolqot xi dubji u suspetti fuq il-għan ewlieni tal-ħolqien tal-Kunsill. Għalhekk inħass il-bżonn urġenti ta' kjarifika minn naħa ta' dawk l-Għawdxin involuti fl-inizjattiva li ħadu, biex permezz tagħha, Għawdex jakkwista forma u miżura ta' awtonomija fl-amministrazzjoni tiegħu, li huma ħassew li mill-istess natura tiegħu, għandu kull dritt għalihom.

Niftakar qisu l-bieraħ meta waslet bla telf ta' żmien il-kjarifika soda u qawwija fi kliem l-ewwel President tal-Kunsill Ċiviku t-tabib Anton Tabone, missieri, meta fid-diskors li għamel fit-Tokk, illum Pjazza Indipendenza fl-okkażjoni ta' l-inawgurazzjoni uffiċjali tal-Kunsill fl-10 ta' Lulju 1961, quddiem il-Gvernatur ta' dak iż-żmien u quddiem il-mistednin u l-pubbliku, qal dan li ġej, u nikkwota:- "Anke jekk il-Kunsill Ċiviku m'għandux x'jaqsam mal-politika tal-partiti, xorta waħda jissieħeb fis-sentimenti tal-poplu Malti u Għawdxi għar-rikonoxximent tad-drittijiet fundamentali u politiċi ta' dawn il-gżejjer. L-episodju tal-Gvern Lokali Għawdxi m'għandux jitqies, lanqas għall-mument wieħed biss, li kien sejjer jifred lill-Għawdxin minn Malta jew li kien sejjer jifridhom mill-kawża nazzjonali Maltija, li minn dejjem kienet u tibqa' il-kawża ta' Għawdex ukoll. Meta il-Gvern kostituzzjonali jerġa' jiġi mwaqqaf għall-poplu ta' dawn il-gżejjer, Għawdex ikompli jibgħat ir-rappreżentanti parlamentari tiegħu biex jissieħbu fir-responsabbiltajiet ta' l-Amministrazzjoni ta' dawn il-gżejjer."

Ħassejt li għandi nibda d-diskors tiegħi billi nirrakonta u nikkwota propju minn dan l-episodju, għax nemmen

# KUNSILL ĊIVIKU TA' GĦAWDEX

## Esperjenza tal-Passat jew Mudell għall-Futur?

li dan għandu jservi ta' stqarrija dejjiema tagħna l-Għawdxin, li meta nkunu qegħdin naqbżu għall-interessi ta' Għawdex tagħna, dan nagħmluh b'dover mistħoqq lejn gżiritna u niesha, imma nagħmluh dejjem ukoll f'kuntest nazzjonali, konvinti u mseħbin fil-fehma li Għawdex jifforma parti ntegrali mill-kuntest u mit-tessut nazzjonali, u li l-avvanz ekonomiku u soċjali tiegħu jikkontribwixxu għal ġid tan-nazzjon kollu. Għaldaqstant l-interess Għawdxi fl-Arċipelagu Malti huwa minsuġ fil-kawża nazzjonali. Infatti ma ninsewx li Għawdex, permezz ta' uliedu minn dejjem kien fuq quddiem nett fit-taqbid favur drittijiet nazzjonali. Anzi ssib lil min isostni li l-Għawdxin huma iżjed nazzjonali, għax dejjem ivvutaw bi ħġarhom favur kawżi nazzjonali u ipparteċipaw iktar fihom. Għalhekk għandi għax naħseb, li kien dan is-sentiment li għaqqad lill-Għawdxin ħamsin sena ilu meta fittxew mudell li seta' jaqdi l-aspirazzjonijiet tagħhom biex iħares u jassigura l-progress ta' gżirithom u jara li dan il-progress għandu f'kull żmien jimxi pari passu ma' dak ta' Malta. Nixtieq naħseb, anzi nħossni żgur, li s-sentimenti li ħarġu bihom ħamsin sena ilu dawk li ġew qabilna, għadhom ħajjin u jbaqbu ġo fina llum il-ġurnata.

### IT-TIFKIRA

U hu propju għalhekk li ninsabu miġburin hawnhekk f'din l-okkażjoni li qed isservi ta' tifkira tal-ġrajja ta' ħamsin sena ilu. Miġburin mhux biex neċessarjament nagħmlu post mortem, għax maż-żmien qed niskopru li l-mudell baqa' ħaj u validu anke' għaż-żminijiet ta' llum. Naħseb li l-aħjar mod kif dan l-avveniment għandu jiġi mfakkar huwa billi nħarsu lura lejn il-ħolqien u l-operat tal-Kunsill matul iż-żmien tiegħu ta' bejn l-1961 u l-1973, u nħarsu 'l quddiem fuq x'tagħlimiet akkwistajna mill-esperjenzi li ħarġu minnu. Nemmen li l-attivitajiet ta' tifkira għandhom jilħqu lill-pajjiż kollu kemm hu, għax il-Kunsill Ċiviku għalkemm kien jitħaddem speċifikament fil-gżira ta' Għawdex, kien ukoll żvilupp istituzzjonali li serva u interessa lill-Malta ukoll. Kien u baqa' suġġett ta' relevanza fil-ħsieb tal-pajjiż. Effetivament il-Kunsilli Lokali kif nafuhom illum, twaqqfu fis-sena 1993, għoxrin sena eżatt wara li il-Kunsill Ċiviku ġie abolit. Għalhekk l-okkażjoni ta' dan l-Anniversarju għandha isservi ta' eżerċizzju f'eżami ta' skrutinju u ta' tagħlimiet bl-iskop li nkunu qegħdin nesploraw jekk hux il-każ, li nerġgħu nintroduċuh jew inġedduh għal żminijietna. Ma ridniex, u fil-verita' lanqas stajna nfakkru dan l-avveniment b'mod simboliku biss, billi mmorru npoġġu bukket fjuri mal-mafkar tiegħu. Fil-verita' mafkar fiżiku ma jeżistix, iżda memorji ta' l-operat u tar-riżultati miksuba għandna kemm irridu, basta infittxuhom u nirrikonoxxuhom bħala tali.

Qabel xejn irridu nifhmu u nżommu f'moħħna, li l-ħolqien tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex fis-sena 1961 kien l-ewwel eżerċizzju ta' deċentralizzazzjoni u ta' devoluzzjoni vera u proprja f'dan il-pajjiż. Permezz tal-ħolqien tiegħu ġie applikat il-prinċipju ta' sussidjarjetà, jiġifieri li dak li jista' jiġi deċiż u attwat mill-bażi tas-soċjetà, għandu jseħħ f'dak il-livell. Il-Kunsill Ċiviku daħħal b'saħħa fil-pajjiż il-kunċett tar-reġjonalità għax ħareġ fil-beraħ id-dimensjoni tal-gżira. Għegħel, anzi obbliga, li tħares lejh mill-perspettiva li hu jkopri lill-Għawdex kollu fil-governanza tiegħu, u li konsegwenza t'hekk daħħal fil-prattika l-awtonomija reġjonali fl-amministrazzjoni tiegħu, kif ukoll fil-konsiderazzjonijiet nazzjonali li jirrigwardawh. Għaliex dan il-Kunsill nħoloq biex jiġbor fih amministrazzjoni waħda, reġjonali u rappreżentattiva tal-gżira kollha, iffukata kollha kemm hi fuq il-progress tagħha, u dan sintendi f'kuntest nazzjonali ukoll.

### IL-FROTT

Il-Kunsill ta lill-Għawdex għodda u leħen li seta' jużahom għall-benefiċċju ta' l-iżvilupp ġenerali tiegħu u ta' niesu. L-iżvilupp infrastrutturali u soċjali li seħħ fi żmien il-Kunsill, jew li jaf il-bidu tiegħu fi żmienu, bl-assistenza ukoll tal-Gvern Ċentrali, kien jikkonsisti f'diversi proġetti kbar ta' benefikat fit-tul għal Għawdex u għall-Għawdxin. U naħseb li jkun utli u xieraq li jissemmew f'din iċ-ċirkostanza. Bħat-tkabbir tal-port ta' l-Imġarr, iċ-ċavetta ta' l-iżvilupp tal-kommunikazzonijiet tal-gżira; bini ta' sptar ġdid f'Ta' l-Ibraġġ; bini ta' l-Istitut Tekniku fil-Kumpless ta' l-Edukazzjoni; il-bini ta' l-ewwel fabbriki moderni ġox-Xewkija; l-ewwel djar soċjali f'Taċ-Ċawla; l-impjant ta' desalinizzazzjoni ta'l-ilma baħar fil-periferija tal-Qala; l-ewwel impjant tat-tarmak f'tarf ir-Rabat; bini ta' l-ewwel playing fields f'diversi lokalitajiet flimkien mal-manutenzjoni tagħhom; l-amministrazzjoni ta' l-indafa pubblika mal-gżira kollha; bini ta' bus terminus fir-Rabat biex jaqdi d-destinazzjonijiet kollha tal-gżira; nistgħu ukoll ngħidu li l-ewwel żvilupp veru fit-turiżmu tal-gżira ra l-bidu tiegħu fi żmien il-Kunsill b'investiment privat f'bini ta' lukandi kbar f'Sannat u f'Marsalforn; inkwantu għall-komunikazzjonijiet ma' Malta u għal dak li jissejjaħ transport veloċi fuq il-baħar, ta' min isemmi li f'dak iż-żmien ġie ntrodott minn kumpanija privata servizz b'Aliscafo, li kien jaqsam bejn l-Imġarr u l-Port il-Kbir f'nofs siegħa; kif ukoll it-twaqqif ta' kumpanija privata oħra, din id-darba ta' l-Ajru, li xtrat u ġabet hawn Malta ajruplan tat-tip 'Islander' biex jibda jagħti dan is-servizz; saħansitra sa triq fil-baħar

# KUNSILL ĊIVIKU TA' GĦAWDEX

## Esperjenza tal-Passat jew Mudell għall-Futur?

### *Diskors Mr. Anton Tabone (kont.)*

kienet tissemma; l-estensjonijiet tas-servizzi ta' l-elettriku, ta' l-ilma, tat-telefonija u tad-drenaġġ fl-irħula kollha ma naqsux, u iktar minn hekk ukoll!

**SAĦĦA MORALI**

Dawn huma kollha akkwisti li għamel Għawdex bis-saħħa tal-Kunsill Ċiviku. Jekk mhux bis-saħħa tal-finanzi li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu, imma żgur bis-saħħa tal-persważżjoni u bis-saħħa morali li kien jipposjedi u jgawdi fl-aħjar żminijiet tiegħu, u li bihom influwenza lill-klassi politika u governattiva tal-pajjiż ta' dak iż-żmien favur investiment qawwi, kemm pubbliku kif ukoll privat ġo Għawdex. Din is-saħħa morali kienet ġejja mill-fatt li għalkemm il-Kunsill twieled propju biex ikun jista' jirrakkomanda b'qawwa lill-gvernijiet ċentrali rimedji għall-problemi u nuqqasijiet li kienu jeżistu fil-gżira, kellu imma ukoll missjoni ċara quddiemu, u cioe' dik li tagħtih identità u emanċipazzjoni permezz ta' status politiku/reġjonali u statura soċjali fil-ħajja nazzjonali. Infatti Għawdex beda dejjem iżjed jiġi kkunsidrat fid-dimensjoni reali tiegħu ta' gżira b'ramifikazzjoni reġjonali, u ma baqax iżjed kkunsidrat biss bħala sempliċi distrett elettorali, u ftit li xejn iktar! Dik ta' distrett elettorali kienet sitwazzjoni li tumiljah u ċċekknu għax tneżżgħu mill-ħafna karatteristiċi uniċi li jipposjedi, u tneżżgħu ukoll mill-potenzjal li joffri għalih u għan-nazzjon. Għalhekk il-kunċett ta' gżira reġjun beda jaqbad art u infatti l-Ordinanza tal-1961 li waqqfet lill-Kunsill Ċiviku għadha, fl-opinjoni tiegħi, taħt ħafna aspetti valida anki għaż-żminijiet ta' llum. Dik l-Ordinanza, ħamsin sena ilu istituzzjonalizzat u ikkarratterizzat ir-reġjonalità amministrattiva u soċjali tal-gżira Għawdxija. U kieku dik l-Ordinanza kellha tiġi introdotta llum, x'aktarx kienet tinbidel biss il-kelma Ċiviku ma' dik Reġjonali biex tiġi tinqara' l-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex minflok il-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex.

**GŻIRA REĠJUN**

L-istatus u l-istatura li semmejt għandha toħroġ mid-definizzjoni politika li taspira għaliha l-gżira ta' Għawdex, u cioe' politika mhux ta' l-ilwien -blu, aħmar jew aħdar- kif ħafna minnha jifhmu bil-kelma politika. Imma bit-tifsira vera tagħha ta' policy, ta' viżjoni, ta' missjoni, ta' mission statement, ta' emanċipazzjoni, ta' identità. Għawdex mhux territorju fiżikament magħqud ma' dak ta' Malta, għax bejniethom hemm baħar jaqsam, jifred. Hekk ħolqitu n-natura. Dik hi r-realta'. U min jirrispetta n-natura, irid ibaxxi rasu quddiem ir-realtà. Għawdex mhux kolonja ta' Malta! M'għandux ikun iċ-ċenerentola, is-Cinderella tal-Gżejjer Maltin! Mela x'inhu Għawdex għal Malta? Għawdex bla l-iċken dubju u bla ebda eżitazzjoni, jikkwalifika b'mod sħiħ bħala Reġjun ta' Malta. Anzi Gżira Reġjun. Infatti nippretendi li għandu jkun hawn kunsens ġenerali fil-pajjiż li taħt kull definizzjoni -sew jekk mil-lat ġeografiku, storiku, kulturali, ekonomiku jew mil-lat ta' żvilupp- Għawdex hu tabilħaqq Gżira Reġjun. Ħlief, ironikament mil-lat politiku. Jiġifieri, l-istituzzjonalità formali u uffiċjali tiegħu bħala Gżira Reġjun baqgħet mhix strutturata. Għalkemm snin wara Għawdex jissemma bħala gżira reġjun fid-dokument uffiċjali tad-Dikjarazzjoni fuq Għawdex mehmuża mat-trattat ta' adezjoni ta' Malta fl-Unjoni Ewropea fit-2004; u iżjed riċenti, kif jissemma bħala wieħed minn ħames reġjuni fl-Arċipelagu Malti li twaqqfu taħt Kumitati (u mhux Kunsilli), iffurmati mis-Sindki Lokali, imma fejn m'hemm l-ebda distinzjoni bejniethom b' riferenza speċifika għal Għawdex bħala Gżira Reġjun. U kif kulħadd imissu jkun jaf, hemm tassew baħar jaqsam bejn reġjun ordinarju u gżira reġjun. B'kuntrast, għal fini tal-kommemorazzjoni ta' llum, nkomplu niskopru li l-Ordinanza li waqqfet il-Kunsill Ċiviku t'Għawdex ħamsin sena ilu, tirrikonoxxi b'liġi struttura reġjonali speċifika għall-gżira, filwaqt li llum ħamsin sena wara ninsabu rinfaċċjati bil-mankanza ta' tali struttura jew waħda simili. Dan jista' jfisser biss li jew il-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex ġie ħamsin sena qabel iż-żmien, jew li aħna ninsabu quddiem l-istorja ħamsin sena wara iż-żmien! Kull kif, fl-opinjoni umli tiegħi dan l-inkwadru qed joħloq inġustizzja storika li titlob li tiġi indirizzata bla iktar telf ta' żmien.

**ŻVILUPPI OĦRA**

Mhux għax ma kienx hemm żviluppi oħra favur Għawdex wara t-tmiem tal-Kunsill. Il-ħolqien ta' Ministeru għal Għawdex b'Ministru dedikat għalih waħdu, kien żvilupp maġġuri u epokali favur id-destin tal-gżira. L-istess ħolqien ta' dan il-Ministeru fis-sena 1987, sitta u għoxrin sena wara l-bidu tal-Kunsill, u erbatax il-sena wara tmiemu, kienet deċiżjoni politika kuraġġuża li ttieħdet in parti biex tirrikonoxxi li Għawdex għandu jkollu status speċjali politiku amministrattiv, minħabba ir-realtà partikulari u unika tiegħu bħala t-tieni l-ikbar gżira abitata ta' l-Arċipelagu Malti; iżda pero' tali rikonoxximent naqas, kif rajna diġa', jirreġjonalizzah de facto. Il-Ministeru ta lill-Għawdex viżibilità u leħen fil-Kabinett tal-Ministri, u per konsegwenza poġġieh

# KUNSILL ĊIVIKU TA' GĦAWDEX

## Esperjenza tal-Passat jew Mudell għall-Futur?

f'dak il-livell f'l-istaġuni kollha. Seħħet b'hekk, evoluzzjoni fl-amministrazzjoni tal-gżira, minn waħda ta' għamla reġjonali li ta l-Kunsill Ċiviku, għal dik wara ħafna snin, ta' għamla Ministerjali. U għal xi żmien donnu li kien instab il-bilanċ fir-rimedju aħħari għall-aħjar andament tal-amminstrazzjoni tal-gżira. Sakemm sitt snin wara fis-sena 1993 twaqqfu l-Kunsilli Lokali kif nafuhom illum, erbatax minnhom fil-gżira Għawdxija. U reġa' nfetaħ id-diskors u l-konsiderazzjonijiet ta' natura lokali u reġjonali fl-amministrazzjoni tal-gżira.

Għalhekk l-evoluzzjoni fil-ħsieb, imma ukoll fil-prattika baqgħu u jibqgħu għaddejjin.

### IL-MUDELL

Iżda wieħed irid jgħid li l-introduzzjoni tal-Kunsilli Lokali, isolati waħedhom u għalihom, ma jikkostitwux stat ta' reġjonalità jekk dawn ma jingħaqdux flimkien biex jirrappreżentaw reġjun sħiħ u identifikabbli. Għalhekk l-ideja fuq Amministrazzjoni Reġjonali għal Għawdex terġa' tfeġġ fil-kunsiderazzjonijiet u l-eżiġenzi tal-pajjiż. Ċertament mhux għall-esklużjoni tal-Kunsilli Lokali kif nafuhom illum, jew għall-esklużjoni tal-Ministeru Għawdxi għax dak għandu jibqa' ankrat, imma kumplimentari u konverġenti magħhom. Nemmen b'konvinzjoni li jeżisti l-ispazju dovut għalihom kollha biex jinħoloq l-aħjar bilanċ b'formula amministrattiva li tkun tista' tagħmel ġustizzja sħiħa ma' Għawdex fid-dimensjoni tiegħu ta' gżira. Fuq livell lokali, reġjonali, parlamentari u ministerjali, li flimkien jilħqu l-livell nazzjonali. Terġa' u tgħid li minn meta pajjiżna sar membru tal-Unjoni Ewropea il-kunċett reġjonali kompla jissaħħaħ bla qies. Dan hu kunċett li baqa' jiġri warajna anke' meta żżarmat l-istituzzjoni fil-1973. Infatti t-tema taħt forma ta' mistoqsija li qed tagħmel din il-Konferenza hija "Il-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex—Esperjenza tal-Passat jew Mudell għall-Futur?". Nistqarr, jekk mistoqsi, insib ruħi bla ebda riservi favur Mudell Reġjonali mill-ġdid għall-Futur, li nirrepeti, flimkien mal-Kunsilli Lokali u mal-Ministeru, ikun f'pożizzjoni li jista' jassigura l-aħjar ekwilibriju politiku, jipprovdi l-aħjar ġustizzja soċjali u joħroġ l-aħjar potenzjal fl-infrasttutura tal-governanza tiegħu billi din il-formula sa fl-aħħar, tkun tista takkwistalu l-emanċipazzjoni u l-awtonomija amministrattiva bid-dritt u bis-saħħa li tħaddan u tapplika politika reġjonali għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali fi sfond nazzjonali. U dan taghmlu għall-benefiċċju ta' Ghawdex u ta' l-Għawdxin kif ukoll tal-pajjiż kollu kemm hu. Il-formula preċiża kif dawn il- livelli ta' rappreżentanza, kull livell fl-iskala tiegħu, jitħaddmu flimkien b'mod kumplimentari u konverġenti trid tiġi studjata; ghax żgur li dan l-indirizz m'għandux il-kompitu li joffri soluzzjoni definittiva. Ikun biżżejjed li wieħed jisħaq fuq il-validità tal-kunċett u li jixpruna dibattitu fuq l-istrutturi u d-dinamika meħtieġa biex jiġi realizzat.

Niftakar lill-missieri jipprotesta li Għawdex qisu —is-Cinderella—tal-Gżejjer Maltin. Madankollu nibqa nittama li l-ħidma ta' l-istess Kunsill Ċiviku u l-ħidmiet kollha li seħħew warajh, għenu u baqgħu jgħinu biex il-gżira Għawdxija bis-sbuħija tagħha, bil-ħiliet ta' l-Għawdxin, u bis-saħħa tal-liġijiet tal-pajjiż, ssir minflok il-Prinċipessa tal-Gżejjer Maltin.

# KUNSILL ĊIVIKU TA' GĦAWDEX

## Esperjenza tal-Passat jew Mudell għall-Futur?

## Dr. Samuel Azzopardi
### President Reġjun Għawdex



Dr Samuel Azzopardi jipprattika l-professjoni ta' avukat u huwa s-Sindku tal-Belt Victoria u President tar-Reġjun Għawdex. Huwa ggradwa B.A. Ligi u Studji Humanistici fl-2003, Diploma Nutar Pubbliku fl-2004, Duttur tal-Ligi LL.D fl-2006, u M.A. fis-Servizzi Finanzjarji fl-2008. Dr Azzopardi ipparteċipa fil-programm Erasmus u kien student fl-*Univeristà degli Studi di Verona u ggradwa fil-Canonical Marriages Cases, Jurisprudence and Procedure (Adv. Trib. Eccles. Melit.)* fl-2006. Ġab il-warrant sabiex jipprattika quddiem il-Qrati ta' Malta fl-2007.

L-Avukat Azzopardi jipprattika l-professjoni libera u għandu l-uffiċju fil-Belt Victoria Għawdex. Huwa ukoll uditur mat-Tribunal Ekklesjastiku Djoċesi Għawdex.

Kien elett bħala Sindku tal-Belt Victoria, il-kapitali ta' Għawdex fis-6 ta' Ġunju 2009 u ħa l-ġurament tal-ħatra nhar l-1 ta' Lulju 2009. Sussegwentament ġie elett bħala President tar-Reġjun Għawdex f'Otubru tal-2009 u ħa l-ġurament tal-ħatra f'Jannar 2010. Huwa ukoll membru sħiħ tal-Kumitat tar-Reġjuni (KtR) tal-Unjoni Ewropea u membru tal-eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali.

Fil-passat kien attiv ħafna f'diversi għaqdiet taż-żgħażagħ u soċjali bħala President tal-kunsill tal-istudenti tas-Sixth Form (K.S.S.M.R.), tal-Grupp Universitarji Għawdxin (GUG), u tal-Moviment Żgħażagħ Partit Nazzjonalista Għawdex (MŻPN); membru tal-eżekuttiv Partit Nazzjonalista, tal-Fondazzjoni Oasi u tar-*Rotary Club Gozo*. Hu kien jirrappreżenta lil GUG fil-*Gozo Regional Projects Committee*, il-kumitat tal-Gvern responsabbli għal proġetti b'fondi tal-Unjoni Ewropea f'Għawdex, u kien imbagħad jirrappreżenta lil kumitat fil-*Monitoring Committee* ġewwa l-Uffiċju tal-Prim Ministru.

Huwa membru tal-Kamra ta' l-Avukati u direttur tal-Skola Politika Fortunato Mizzi. Huwa miżżewweġ lil Dr Ramona Azzopardi u għandhom tifla jisimha Emma.

### *Diskors Dr. Samuel Azzopardi*

Qabel nibda ma nistax ma ngħidx kelmtejn ta' ringrazzjament lil mistieden speċjali tagħna lis-Sur Luc Van den Brande, President tal-Kummissjoni CIVEX fi ħdan il-Kumitat tar-Reġjuni li minnha nagħmel parti jiena ukoll. Kien naturali li nirrakomanda lill-Kumitat Organizzattiv lil Van de Brande kemm minħabba l-esperjenza kbira li għandu bħala politiku f'livelli reġjonali u oltre ġewwa pajjiżu, kemm minħabba l-abiltà u l-kapaċitajiet li għandu u kemm minħabba l-posizzjoni importanti li għandu fi ħdan il-Kumitat tar-Reġjuni. Jiena ngħidlu merħba tassew fir-Reġjun ta' Għawdex u jiddispjaċina illi ma tistax toqgħod ftit ieħor sabiex tesperjenza lil Għawdex tagħna.

Niġi dritt għal mistoqsija poġġuta lilna illum, il-Kunsill Ċiviku huwa esperjenza tal-passat jew mudell għall-futur? F'termini iktar lajċi kienet xi ħaġa li għalkemm tajba għal żmienha, hija xi ħaġa relegata għall-annali tal-istorja? Jew inkella hija xi ħaġa tant tajba li għandna inqajjmu dibattitu li finalment jara r-reinstituzzjoni ta' gvern reġjonali vera u propju?

Diġa qed nara diversi espressjonijiet. Jekk inħarsu ftit lejn il-passat u nagħtu titwila lejn l-istorja ta' Għawdex nindunaw li hemm biżżejjed fatti u storja dwar l-awtonomija jew le li Għawdex kellu u akkwista matul is-snin. L-interludju ta' bejn l-1798 u l-1800 kienet l-ogħla forma ta' awtonomija, nazzjon indipendenti bl-ambaxxatur ġewwa Palermo sedja prinċipali tar-Renju taż-Żewġ Sqallijiet. Jekk immorru lura iktar naraw mumenti importanti ħafna fl-istorja ta' Għawdex u niesu għaliex l-istorja ta' Għawdex ġiet mill-Għawdxin illi għamluha u għaġnuha. Mhuwiex il-forum illi nidħol fid-dettal dwar episodji storiċi pero l-istorja flimkien mal-kultura ittina l-identità.

Żgur li l-Kunsill Ċiviku mwaqqaf ħamsin sena ilu kien riflessjoni ta' dina l-identità. Żgur li n-nies li iffurmaw il-kumitat ta' qabel kienu frott ta' dina l-identità. Għaliex l-fatt li jkollok territorju ta' art f'dan il-każ gżira ma jagħti l-ebda dritt naturali għal kunsill ċiviku jew gvern reġjonali. Lanqas

# KUNSILL ĊIVIKU TA' GĦAWDEX

## Esperjenza tal-Passat jew Mudell għall-Futur?

Malta li kieku ma kelliex dina l-identità, dina l-istorja u din il-kultura ma kien ikollha l-ebda kawża għal Stat u nazzjon. Pero l-istorja turina mod ieħor.

Għawdex, li ġeografikament jikkomprendi lil Kemmuna, bħala art jagħmel terz tal-arċipelagu Malti b'popolazzjoni ta' madwar 30,000 ruħ minn popolazzjoni nazzjonali ta' 400,000 li pero għandu kwalunkwe dritt li jiġi meqjus bħala reġjun, għaliex il-karatteristiċi intrisiċi tiegħu juruh dan. Mhux biss l-istorja tal-passat imma anke il-preżent għalija jixhed dan id-dritt. Allura jekk dan huwa dritt, kif ma aħniex neżerċitawh?

Fuq livell ta' rikonoxxenza mill-Unjoni Ewropea, Għawdex huwa l-uniku reġjun Malti li huwa klassifikat bħala NUTS III u fuq livell nazzjonali l-uniku reġjun illi għandu Ministeru b'Ministru fil-Kabinett. Ġudizzjarjament Għawdex għandu mhux biss il-kompetenza ġuridika bil-Qorti imma ukoll għandu Maġistrat residenti illi għandu ukoll kompetenza li jisma każijiet superjuri fit-territorju Għawdxi. Huwa l-uniku reġjun b'arma storika u il-belt reġjonali tiegħu. Ekkleżjastikament Għawdex huwa Djoċesi bl-Isqof tiegħu u bit-Tribunal Ekkleżjastiku ukoll.

Illum bir-riforma fil-qasam tal-gvern lokali il-parlament Malti approva b'mod unanimu t-twaqqif ta' ħames reġjuni f'Malta kollha, wieħed minnhom huwa propju Għawdex li jiġbor fih l-14-il Kunsill Lokali u jikkomprendi ukoll lil Kemmuna. Bir-riforma saret l-elezzjoni għall-ewwel President tar-Reġjun Għawdex li saret f'Ottubru 2009. Din kienet elezzjoni tat-tieni grad u eliġibbli li jivvotaw għaliha kienu l-kunsilliera kollha eletti jiġifieri 72 kunsillier (Sindki inlużi). Kienet ukoll elezzjoni bi skjeramenti politiċi. Il-Kumitat Reġjonali kellu jidħol fis-seħħ oriġinarjament f'Jannar 2010 pero sar operattiv f'April 2010 u huwa kompost mill-President, l-Viċi-President u tnax-il membru ieħor. B'kollox jirrappreżenta lill-lokalitajiet kollha tramite is-Sindku tal-lokalità li huwa membru ex-officio. Għandu ukoll il-linji direttivi tiegħu kif ukoll protokoll. L-ewwel delega li saret kienet tal-infurzar lokali illi huwa previst illi ssir realtà propju fix-xhur li ġejjin wara li jingħelbu xi intoppi legali, u wara jmiss dik tad-dawl pubbliku.

Minkejja l-limitazzjonijiet f'poter u finanzi bħala reġjun diġa dħalna f'kuntatt b'mod jew ieħor partikolarment fuq politika ġiovanili ma 9 reġjuni ewropej klassifikati mill-Unjoni Ewropea bħala NUTS II. Dawn huma l-Emilia Romagna (Italja), Vastra-Gotaland (Svezja), Wales (Renju Unit), Aquitaine u Pays de la Loire (Franza), Poznạn u Lower Silesia (Polonja) Hessen (Germanja) Valencia (Spanja). Saħansitra mal-Emilia Romagna qegħdin mexjin lejn protocollo d'intesa u fuq talba tar-Reġjun ta' Sqallija qegħdin isiru l-preparamenti sabiex Għawdex jifforma parti minn (GECT) European Grouping of Territorial Cooperation (strument reġjonali tal-UE) li jinkludi l-gżijer prinċipali tal-Mediterran. Dan juri li Għawdex għalkemm żgħir jista' xorta jagħmel kuntatti fuq livell reġjonali ma reġjuni ikbar minnu u jużufruwixxi mill-opportunitajiet li tali relazzjonijiet jistgħu iġibu magħhom. Il-Kumitat Reġjonali li jiltaqa' medja ta' darba fix-xahar iżomm kuntatt tajjeb ukoll mal-Gvern ċentrali. Fil-fatt il-kumitat reġjonali iżomm laqgħa ta' kull xaharejn mal-Ministeru għal Għawdex u l-presidenti reġjonali jattendu laqgħa ta' darba fix-xahar mas-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Gvern Lokali. Fuq livell ta' Unjoni Ewropea bħala President Reġjonali nirrappreżenta lill-istess reġjun fil-Kumitat tar-Reġjuni.

Nemmen illi dan il-kumitat reġjonali jista' jiżviluppa iktar sabiex verament ikun għodda li tirrappreżenta l-interessi tal-għawdxin, tissalvagwardjahom u jkun mezz sabiex Għawdex jikber fil-ġid.

Sinjuri, 50 sena ilu l-poplu Għawdxi kellu Kunsill Ċiviku illi jista' jissejjaħ l-ewwel forma ta' Gvern Reġjonali fl-istorja politika riċenti. Kien mument storiku għal Għawdex li sfortunatament tlifnih. Pero ma jfissirx li dak li kellna 50 sena ilu ma jistax ikollna taħt forma oħra illum. U għalhekk nerġa niġi għall-mistosija li tagħmel din il-konferenza l-Kunsill Ċiviku huwa esperjenza tal-passat jew mudell għal futur? Dan il-kumitat reġjonali, dan il-petite enfant (tifel żgħir) sejrin inkabbruh, nieħdu ħsiebu u nikkurawh jew inkella inċekknuh, jew addirittura bħall-Kunsill Ċiviku nerġgħu nirrelegawh għall-istorja?

Sinjuri, t-theddida ċentralista hija dejjem hemm. Kulħadd jiftakar taħt liema dell ta' xettiċiżmu twaqqfu l-kunsilli lokali lura fl-elf disgħa mija tlieta u disgħin (1993). In-natura tal-bniedem tpoġġi lil istess bniedem dejjem jiġbed lejh u l-poter ma tantx iħobb jerħih minn idejh. It-twaqqif tal-Kunsilli Lokali kien pass ta' ġgant fid-deċentralizzazjoni tal-poter, u esperjenza mill-isbaħ tas-sussidjarjetà. Qatt qabel ma' l-leġislattiv u l-eżekuttiv Malti kienu abdikaw mill-poter b'tali manjiera. Illum kulħadd jirrikonoxxi s-suċċess li ġabu l-Kunsilli Lokali tant li illum sabu posthom ukoll fil-Kostituzzjoni ta' Malta.

L-esperjenza żgur li għallmitna illi s-sussidjarjetà hija bżonnjuża f'soċjetà demokratika illi trid li d-deċiżjonijiet kemm jista' jkun jittieħdu viċin il-poplu. Minkejja ċ-ċokon tal-gżira u l-popolazzjoni tagħha, hemm bżonn illi ċertu deċiżjonijiet jittieħdu fuq bażi reġjonali.

Il-ġid li sar f'Għawdex mill-Kunsill

# KUNSILL ĊIVIKU TA' GĦAWDEX

## Esperjenza tal-Passat jew Mudell għall-Futur?

### *Diskors Dr. Samuel Azzopardi (kont.)*

Ċiviku kien bla preċedent. Fl-1987 politikament Għawdex ingħata Ministeru. Dan kien pass enormi għall-iżvilupp ta' Għawdex li issa kellu vuċi fil-Kabinett. It-tibdil li ġab f'Għawdex kien ukoll bla preċedent. Il-Ministeru għal Għawdex huwa storja oħra ta' suċċess. Il-fatt li għandna Ministeru huwa importanti ħafna u Għawdex ma jistax jitlef vuċi importanti fil-Kabinett għaliex l-affarijiet nazzjonali huma ta' rilevanza għal Għawdex u jolqtu lil Għawdex b'mod partikolari u differenti mill-bqija tan-Nazzjon.

Nħoss illi ż-żmien wasal illi jitqajjem dibattitu sħiħ dwar l-istituzzjoni ta' gvernijiet reġjonali vera u propji. Ser nillimita ruħi għal Għawdex. Nemmen illi Għawdex jipposjedi r-rekwiżiti kollha sabiex mhux biss jissejjaħ gżira reġjun imma jingħata dak li jixraqlu. Nitkellem b'saqajja ma l-art u trid maturità kbira anke fi ħdan l-istess partiti illi jibdew dibattitu intern lejn dan il-pass għaqli. Għandna nagħmlu pjan msejjes fuq viżjoni ċara u konkreta. Irid jinstab qbil bejn l-Gvern u opposizzjoni fejn l-partiti politiċi jibdew jikkonsideraw serjament dan. Trid issir diskussjoni dwar x'poteri għandu jingħata, x'funzjonijiet għandu jkollu dan il-Gvern reġjonali. Nemmen illi żmien wasal sabiex flimkien nibdew nwettqu viżjoni ta' Gvern reġjonali, viżjoni li tixraq lil Għawdex tagħna.

## Onor. Stefan Buontempo, MP

### Kelliem Ewlieni għall-Gvern Lokali



Il-professjoni tiegħu hi ta' arkitett. Bountempo jaħdem bħala konsulent dwar il-housing f'kumpanija tal-arkitetti. Kien jahdem bħala konsulent fil-Ministeru tal-Housing u tal-Kunsilli Lokali. Okkupa diversi karigi f'Chairmanship Boards tal-Gvern, kien direttur tal-Lohombus Bank, u rrapreżenta diversi drabi lill-Gvern Malti f'konferenzi internazzjonali. Bountempo kien elett membru Parlamentari fl-2003 u fl-2008. Kien appuntat Kelliem għall-Partit Laburista għall-Housing u wara bħala Kelliem Ewlieni għall-Gvern Lokali. Ipproduċa u ppreżenta diversi programmi fuq temi soċjali kemm fuq ir-radju u t-televiżjoni. Hu waqqaf il-kampanja bl-isem Campaign for Social Housing Justice. Bountempo hu miżżewweg lill-avukatessa Natasha Bountempo u għandhom żewġ subien, Giovanni u Beppe.

### *Diskors Onor. Stefan Buontempo*

Il-Kunsill Ċiviku kien l-ewwel esperjenza tal-Għawdxin f'dik li hija Gvern Lokali. Dan il-Kunsill għamel ħafna ġid u l-monument tiegħu huwa l-Gozo Civil Council. Appartamenti li bena f'taċ-Ċawla. Din kienet l-ewwel esperjenza ta' Social Housing f'Għawdex u li wara ġiet żviluppata bil-kbir mill-Gvern Laburista tas-sebgħinijiet. Il-poplu Għawdxi maż-żmien seta' beda juri anqas interess fil-Kunsill Lokali possibbilment minħabba li l-interess partiġġjan kien jirbaħ fuq l-interessi tal-istess Kunsill.

Kien Gvern Laburista tal-1996 li ressaq lil Għawdex biex, fil-kuntest suo generis tiegħu, ikollu Gvern Lokali għalih.

Fil-fatt, kienet ġiet ippubblikata white paper u wara abbozz ta' ligi għall-ħolqien ta' Kunsill Regjonali għall-gżira Għawdxija. L-iskop ta' dan il-Kunsill Reġjonali kien li jagħti dimensjoni reġjonali lil Għawdex billi jirrikonoxxi li Għawdex għandu sfidi speċjali u partikolari differenti minn Malta fl-għarfien li huma l-Għawdxin li l-ewwel u qabel kollox jafu x'inhuma l-problemi tagħhom u kif dawn għandhom isolvuhom.

Fuq kollox, dan il-Kunsill Reġjonali kien

# KUNSILL ĊIVIKU TA' GĦAWDEX

## Esperjenza tal-Passat jew Mudell għall-Futur?

se jagħti aktar saħħa lill-Kunsilli Lokali li kienu se jkollhom rwol importanti ħafna fit-tmexxija tal-Gvern Lokali u l-poter kien se jibda jinfirex aktar, u miċ-ċentru jinżel 'l isfel għal għand iċ-ċittadin u mhux jibqa' kkonċentrat fil-Ministeru. It-twaqqif ta' Kunsill Ċiviku Għawdxi fil-bidu tas-sittinijiet, għalhekk, qed jibgħatilna messagg importanti, jiġifieri li l-Għawdxin mhux biss għandhom ikunu impenjati fl-interess ta' Għawdex għal dak li hu ħidma fuq xi proġett jew ieħor, iżda li għandhom ikunu l-istess Għawdxin li jkollhom sehem ewlieni permezz ta' viżjoni u tfassil strateġiku għal kull qasam Għawdxi kollu.

Għawdex jixraqlu pjan strateġiku li jkun inqas okkupat bit-tattiċi tal-elezzjonijiet u aktar iffokat fl-interessi għat-tul relatati mal-infrastruttura, mal-ekonomija u mal-bżonnijiet soċjali t'Għawdex.

Għax dan l-impenn f'ħidma strateġika jidher li għadu nieqes, u ħafna jsemmu l-brain drain f'Għawdex għaliex ħafna miż-żgħażagħ tagħna qegħdin jiżżewġu u jmorru joqogħdu Malta u llum hemm il-biża' li Għawdex isir biss gżira għall-anzjani.

Il-Partit Laburista jikkunsidra l-Kunsill Reġjonali bħala estensjoni tal-Kunsill Ċiviku b'aktar awtonomija kemm f'dak li hu ppjanar fit-tul kif ukoll fl-implimentazzjoni.

Għalhekk, biex nagħlaq, ngħid li l-mod kif inġibu l-ispirtu u l-imħuħ Għawdxin flimkien għall-politika għal Għawdex li tkun taqbel l-iktar għandha tinkludi lil dawk kollha li lesti jimpenjaw ruħhom għall-viżjoni Għawdxija.

Għandhom ikunu l-istess Għawdxin li jressqu l-ideat u l-proposti tagħhom, biex ikollna viżjoni popolari ċara, biex noħolqu bilanċ, fi pjan ta' azzjoni li jkun jista' jinħadem u jkun ukoll sostenibbli; pjan li jiġi implementat bl-isforzi magħqudin tal-Gvern Ċentrali u ta' dak lokali.

L-istrutturi ta' kif dan għandu jsir fi ħdan il-Kunsill Regjonali għandhom jiġu maħsuba u mħaddma mill-istess Għawdxin. Nemmen bis-sħiħ li Għawdex, bħala reġjun jista' jkun il-prototip ta' gvernar lokali effettiv, li allura mbagħad, inkunu nistgħu napplikawh għal Malta.

B'hekk, Għawdex ma jibqax jiġi kkunsidrat bħala piż fuq Malta imma jsir mudell ta' tmexxija reġjonali li tkun kapaċi tattira investiment barrani u turiżmu ta' kwalità fil-kuntest ta' viżjoni tabilħaqq Għawdxija.

Għalhekk, Kunsill reġjonali għandu jkun leħen sod ta' Għawdex f'Malta li jkun ispirat mit-tajjeb kollu li sar fil-passat, li jevita l-iżbalji li saru u li fuq kollox jippromwovi viżjoni Għawdxija.

Dr Stefan Buontempo MP huwa l-kelliem tal-Partit Laburista għall-Gvern Lokali.

# KUNSILL ĊIVIKU TA' GĦAWDEX

## Esperjenza tal-Passat jew Mudell għall-Futur?

## L-E.T. Mons. Mario Grech
### Isqof ta' Għawdex



L-E.T. Mons. Mario Grech twieled u tgħammed fil-parroċċa tal-Qala Għawdex nhar l-20 ta' Frar 1957. Ta' età żgħira missieru George u ommu Stella ħadu liċ-ċkejken Mario fir-raħal ta' Kerċem. Hemm Mario beda jattendi l-iskola tas-Sorijiet Karmelitani u l-Iskola Primarja ta' Kerċem. Wara li temm l-istudji tiegħu fl-Iskola Sekondarja ta' Victoria, fl-1977 beda l-Kors tal-Filosofija u iktar tard dak tat-Teoloġija fis-Seminarju ta' Għawdex. Wara l-ordinazzjoni tiegħu fil-Katidral t'Għawdex, nhar is-26 ta' Mejju 1984, minn idejn l-Isqof Nikol Cauchi, Dun Mario ntbagħat Ruma fejn kiseb il-Liċenzja fil-Liġi Kanonika u Ċivili fl-Università Pontifiċja tal-Lateran. Fis-snin ta' wara, Dun Mario kiseb ukoll id-Dottorat fil-Liġi Kanonika mill-Università Pontifiċja ta' San Tumas t'Akwinu. Fiż-żmien li dam Ruma, barra mill-ħidma pastorali li wettaq fil-parroċċa ta' l-Assunzjoni fejn kien residenti, Dun Mario ħadem ukoll fil-kamp tal-Liġi Kanonika fit-Tribunali tal-Knisja f'Ruma, kemm fil-Vigarjat kif ukoll fis-Sacra Romana Rota. Mar-ritorn tiegħu f'Għawdex hu kien assenjat diversi ħidmiet pastorali fil-Kurja Djoċesana, fejn għal diversi snin kien l-Uffiċċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi tal-Kurja. Iktar tard, fl-1993 hu nħatar Vigarju Ġudizzjali għat-Tribunal Ekkleżjastiku ta' Għawdex, u fl-istess waqt Imħallef fit-Tribunal tal-Knisja f'Malta. Dun Mario kien imdaħħal ukoll fil-proċess għall-Beatifikazzjoni tal-Qaddejja ta' Alla Madre Margerita Debrincat, Fundatriċi tas-Sorijiet Franġiskani Missjunarji tal-Qalb ta' Ġesù, kif ukoll fil-Proċess għall-Beatifikazzjoni ta' Mons. Ġużeppi de Piro, Fundatur tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl. Fuq livell djoċesan jibqa' mfakkar is-sehem li ta Dun Mario fit-twaqqif tar-Radju RTK u l-parteċipazzjoni tad-Djoċesi Għawdxija f'din il-kumpanija, kif ukoll fil-bini tal-Lumen Christi Media Centre. Dun Mario sab ukoll ħin biex jgħin lill-persuni kkonsagrati permezz tal-ħidma tiegħu fost il-grupp ta' lajċi kkonsagrati "Anawim". Fl-2004, Dun Mario aċċetta li jidħol għat-tmexxija tal-Parroċċa tal-Madonna tas-Sokkors u San Girgor f'Kerċem, Għawdex.

Nhar is-Sibt 26 ta' Novembru 2005, Dun Mario ġie nominat bħala t-tmien Isqof ta' Għawdex mill-Papa Benedittu XVI. Il-Konsagrazzjoni u l-Ingress ta' l-Isqof Mons. Mario Grech saru fil-Katidral ta' Għawdex, il-Ħadd 22 ta' Jannar 2006. Mons. Mario Grech ġie kkonsagrat isqof mill-E.T. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi, assistit mill-E.T. Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof ta' Malta, u l-E.T. Mons. Felix del Blanco Prieto, Nunzju Apostoliku ta' Malta.

### *Diskors L-E.T. Mons. Mario Grech*

Il-fatt li ħamsin sena ilu f'Għawdex, bl-Ordinanza No. XI tal-14 ta' April 1961, twaqqaf il-Kunsill Ċiviku, fost ħwejjeġ oħra jgħidilna li nofs ta' seklu ilu grupp ta' Għawdxin sarrfu l-imħabba tagħhom lejn gżiritna mhux fi tpaċpiċ vojt imma f'azzjoni konkreta. Huma mhux biss irnexxielhom jikkonvinċu lill-Awtoritajiet Ċentrali biex joħolqu struttura li, għalkemm tieħu ħsieb l-interessi tal-Għawdxin bħala reġjun, tkun parti mill-qafas istituzzjonali ta' pajjiżna, imma rnexxielhom ukoll jinvolvu lill-poplu Għawdxi f'dan il-proġett. B'dan il-pass, mingħajr ma ħolqu diviżjoni fuq livell nazzjonali, huma kebbsu sens patrijottiku b'rispett dovut lejn Għawdex – reġjun li għandu l-karatteristiċi ġeografiċi, etnoloġiċi, ekonomiċi, reliġjużi u storiċi tiegħu!

Ikun xieraq li f'din ir-rikorrenza Għawdex jerġa' jagħmel tiegħu dawn l-ideali nobbli li, sfortunatament, donnhom qegħdin jiddgħajfu, kemm minħabba kawżi interni, bħalma huwa l-individwaliżmu, kif ukoll minħabba fatturi li huma 'l fuq minna, bħal fil-każ tal-globalizzazzjoni.

Kien ukoll ħamisn sena ilu li l-Papa Ġwanni XXIII ikkomunika l-enċiklika soċjali tiegħu Mater et Magistra, li biha offra prinċipji ta' riflessjoni, jew dawk li ġew imsejħa "abbozzi ta' politika ekonomika u soċjali", bil-għan li jintrebaħ in-nuqqas ta' ekwilibriju ekonomiku, soċjali u kulturali. Wieħed minn dawn il-prinċipji bażiċi riproposti mill-enċiklika huwa propju l-prinċipju tas-sussidjarjetà vertikali u orizzontali. Is-sussidjarjetà vertikali tapplika meta min-naħa tiegħu l-Istat jgħin lill-entijiet pubbliċi inferjuri biex iwettqu dak li

# KUNSILL ĊIVIKU TA' GĦAWDEX

## Esperjenza tal-Passat jew Mudell għall-Futur?

hu fil-kompetenza tagħhom; l-istess prinċipju jitħaddem minn isfel għal fuq – jiġifieri mill-periferija għaċ-ċentru!

Kif jippreċiża l-Papa Benedittu XVI fl-enċiklika Caritas in veritate, il-prinċipju tas-sussidjarjetà huwa relatat ħafna mal-prinċipju tas-solidarjetà, għax is-sussidjarjetà mingħajr sens ta' solidarjetà tiġġenera dak li l-Papa sejjaħlu "social privatism" jew "particolarismo sociale", mentri s-solidarjetà mingħajr il-prinċipju tas-sussidjarjetà tagħti lok għal paternaliżmu soċjali (ara n.58). Fil-Kompendju tat-Tagħlim Soċjali tal-Knisja jingħad illi "is-solidarjetà mingħajr sussidjarjetà tista' faċilment tiddeġenera f'assistenzjaliżmu, mentri s-sussidjarjetà mingħajr solidarjetà tirriskja li trewwaħ forom ta' "localismo egoistico"! Dan kollu jista' jivverifika ruħu fit-tmexxija tal-gżira t'Għawdex!

Nistgħu ngħidu li kien dan il-prinċipju ta' sussidjarjetà li tħaddem dakinhar li twaqqaf il-Kunsill Ċiviku bħala istituzzjoni li kellha tħares u ġġib 'il quddiem ir-relazzjonijiet bejn il-Gvern Ċentrali u Għawdex. Dakinhar, filwaqt li l-Parlament irrikonoxxa l-potenzjal u l-bżonnijiet partikulari ta' Għawdex, fl-istess ħin, a bażi tal-istess prinċipju tas-sussidjarjetà, l-Għawdxin ikkommettew ruħhom li jikkontribwixxu għall-ġid komuni tan-nazzjon. Importanti però li dan il-prinċipju jitħaddem flimkien mal-prinċipju l-ieħor tas-solidarjetà.

Dan il-kunċett għandu ħafna minn dak li fil-filosofija politika jissejjaħ "ir-reġjunaliżmu ta' Don Luigi Sturzo". Sturzo kien jemmen li filwaqt li għandu jkun hemm rispett lejn l-identità u l-ħtiġijiet tar-reġjun partikulari, wieħed m'għandux jagħmel ħsara lill-unità nazzjonali. Il-ħsieb ta' Sturzo ma kienx li jkun hemm deċentrament amministrattiv, imma biex jilqa' kontra r-riskju ta' xi moviment separatista! Għalkemm kien favur il-kunċett ta' reġjun, Sturzo kien jara l-valur tal-għaqda nazzjonali. Ir-reġjun huwa parti mir-realtà nazzjonali kollha; fl-istess ħin kapaċi jkollu l-ħajja propja tiegħu u jgawdi ċerta awtonomija biex jagħraf jagħti risposta għall-problemi u s-sitwazzjonijiet partikulari ta' karattru mhux biss ekonomiku imma wkoll soċjali, li ħafna drabi jkun diffiċli li jiġu indirizzati minn sistema burokratika li qiegħda hemm biex teżegwixxi direttivi li jagħti l-Istat! Sturzo kien jisħaq li l-koperazzjoni bejn ir-Reġjun u l-Istat għadha tkun "il-politika tal-futur". Ir-Reġjun mhux kontrapost għall-Istat, imma ż-żewġ istituzzjonijiet jaħdmu flimkien biex jilħqu għanijiet komuni. Huma organizzazzjonijiet impenjati komunitarjament fit-tmexxija kumplessa tan-nazzjon. F'din is-sistema, Sturzo kien jara l-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà għat-twettiq tal-ġid komuni (ara La regione nella nazione [1949], in Opera omnia, Bologna, 1974, 5). Il validità ta' dan il-ħsieb ta' Don Sturzo dan l-aħħar reġgħet ġiet sottolineata mill-Konferenza Episkopali Taljana f'dokument bl-isem "Per un paese solidale, Chiesa Italiana e Mezzogiorno" [21.02.2010].

Ma nafx kemm ħutna l-Għawdxin li welldu l-Kunsill Ċiviku bħala gvern lokali għal Għawdex kienu midħla tal-kitbiet ta' Don Sturzo; però huwa fatt li l-predeċessur tiegħi, l-ET l-Isqof Nikol Cauchi, li kien ammiratur ta' Don Sturzo, bejn Novembru 1958 sa Ġunju 1959 kien membru tal-Kumitat Ċiviku bħala delegat tal-Isqof Ġużeppi Pace, imbagħad sar membru tal-kumitat eżekuttiv li fassal l-istatut tal-Kunsill Ċiviku, u aktar tard membru tal-Kunsill Ċiviku sal-4 ta' Ġunju 1961! Ma neskludix li f'dan il-proċess tal-iżvilupp tal-kunċett ta' gvern lokali, Mons Cauchi kkontribwixxa bl-intwizzjonijiet Sturzjani.

Xi drabi f'pajjiżna tista' tingħata l-impressjoni li kultant jaħbtu jispuntaw qishom sentimenti separatisti! Dan jista' jinħass jekk ir-riflessjoni dwar ir-reġjun issir b'sens dejjaq u ma nħossuniex parti mill-bqija tan-nazzjon! Sfortunatament dan l-ispirtu negattiv ta' "aħna u intom" ġie li jimmanifesta ruħu ukoll fil-midja lokali u fl-atteġġjamenti ta' xi strutturi nazzjonali. Dawn l-attitudnijiet hemm bżonn li jiġu kkorreġuti għax la jagħmlu ġid lil Għawdex u anqas lin-nazzjon. Din il-viżjoni mijopika tissarraf biss f'telf għal kulħadd. Ir-reġjunalità tagħmel sens biss meta ssib postha fil-kawdru sħiħ nazzjonali. Għawdex mhux xi addenda fl-aġenda tan-nazzjon u r-reġjunalità tiegħu għandha tkun rikonoxxuta. Hemm bżonn li tikber aktar il-konvinzjoni li l-Gżira tat-Tliet Għoljiet għandha kontribut mhux żgħir x'toffri għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali, kulturali u spiritwali ta' pajjiżna.

F'dan ir-rigward, il-Knisja f'Għawdex tista' sservi ta' stimolu. Huwa fatt li s-Santa Sede rrikonoxxiet r-reġjunalità ta' Għawdex meta fis-16 ta' Settembru 1864 il-Papa Piju IX għamel lil Għawdex u Kemmuna djoċesi għaliha. Filwaqt li l-Knisja f'Għawdex baqgħet parti mill-Knisja Universali, bi strutturi amministrattivi lokali setgħet tikkura, tiżviluppa u tinkuraġġixxi l-potenzjal li kellu l-poplu t'Alla f'Għawdex u fl-istess waqt tgħinu ma jingħalaqx fih innifsu.

Tixhed l-istorja kemm il-Knisja għenet għall-iżvilupp tal-ħiliet kulturali, artistiċi u artiġjanali tal-gżira. Il-Knisja f'Għawdex kienet pijuniera bid-diversi inizjattivi li ħadet biex twieġeb għall-ħtiġijiet soċjali tal-Għawdxin: skejjel, orfanatrofji, laboratorji tas-snajja, dar għall-persuni b'diżabilità, ċentru ta' rijabilitazzjoni għall-vitmi tad-droga u alkoħol, ċentri għaż-żgħażagħ, eċċ. Peress li llum hawn min għandu

# KUNSILL ĊIVIKU TA' GĦAWDEX

## Esperjenza tal-Passat jew Mudell għall-Futur?

hu fil-kompetenza tagħhom; l-istess prinċipju jitħaddem minn isfel għal fuq – jiġifieri mill-periferija għaċ-ċentru!

Kif jippreċiża l-Papa Benedittu XVI fl-enċiklika Caritas in veritate, il-prinċipju tas-sussidjarjetà huwa relatat ħafna mal-prinċipju tas-solidarjetà, għax is-sussidjarjetà mingħajr sens ta' solidarjetà tiġġenera dak li l-Papa sejjaħlu "social privatism" jew "particolarismo sociale", mentri s-solidarjetà mingħajr il-prinċipju tas-sussidjarjetà tagħti lok għal paternaliżmu soċjali (ara n.58). Fil-Kompendju tat-Tagħlim Soċjali tal-Knisja jingħad illi "is-solidarjetà mingħajr sussidjarjetà tista' faċilment tiddeġenera f'assistenzjaliżmu, mentri s-sussidjarjetà mingħajr solidarjetà tirriskja li trewwaħ forom ta' "localismo egoistico"! Dan kollu jista' jivverifika ruħu fit-tmexxija tal-gżira t'Għawdex!

Nistgħu ngħidu li kien dan il-prinċipju ta' sussidjarjetà li tħaddem dakinhar li twaqqaf il-Kunsill Ċiviku bħala istituzzjoni li kellha tħares u ġġib 'il quddiem ir-relazzjonijiet bejn il-Gvern Ċentrali u Għawdex. Dakinhar, filwaqt li l-Parlament irrikonoxxa l-potenzjal u l-bżonnijiet partikulari ta' Għawdex, fl-istess ħin, a bażi tal-istess prinċipju tas-sussidjarjetà, l-Għawdxin ikkommettew ruħhom li jikkontribwixxu għall-ġid komuni tan-nazzjon. Importanti però li dan il-prinċipju jitħaddem flimkien mal-prinċipju l-ieħor tas-solidarjetà.

Dan il-kunċett għandu ħafna minn dak li fil-filosofija politika jissejjaħ "ir-reġjunaliżmu ta' Don Luigi Sturzo". Sturzo kien jemmen li filwaqt li għandu jkun hemm rispett lejn l-identità u l-ħtiġijiet tar-reġjun partikulari, wieħed m'għandux jagħmel ħsara lill-unità nazzjonali. Il-ħsieb ta' Sturzo ma kienx li jkun hemm deċentrament amministrattiv, imma biex jilqa' kontra r-riskju ta' xi moviment separatista! Għalkemm kien favur il-kunċett ta' reġjun, Sturzo kien jara l-valur tal-għaqda nazzjonali. Ir-reġjun huwa parti mir-realtà nazzjonali kollha; fl-istess ħin kapaċi jkollu l-ħajja propja tiegħu u jgawdi ċerta awtonomija biex jagħraf jagħti risposta għall-problemi u s-sitwazzjonijiet partikulari ta' karattru mhux biss ekonomiku imma wkoll soċjali, li ħafna drabi jkun diffiċli li jiġu indirizzati minn sistema burokratika li qiegħda hemm biex teżegwixxi direttivi li jagħti l-Istat! Sturzo kien jisħaq li l-koperazzjoni bejn ir-Reġjun u l-Istat għadha tkun "il-politika tal-futur". Ir-Reġjun mhux kontrapost għall-Istat, imma ż-żewġ istituzzjonijiet jaħdmu flimkien biex jilħqu għanijiet komuni. Huma organizzazzjonijiet impenjati komunitarjament fit-tmexxija kumplessa tan-nazzjon. F'din is-sistema, Sturzo kien jara l-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà għat-twettiq tal-ġid komuni (ara La regione nella nazione [1949], in Opera omnia, Bologna, 1974, 5). Il validità ta' dan il-ħsieb ta' Don Sturzo dan l-aħħar reġgħet ġiet sottolineata mill-Konferenza Episkopali Taljana f'dokument bl-isem "Per un paese solidale, Chiesa Italiana e Mezzogiorno" [21.02.2010].

Ma nafx kemm ħutna l-Għawdxin li welldu l-Kunsill Ċiviku bħala gvern lokali għal Għawdex kienu midħla tal-kitbiet ta' Don Sturzo; però huwa fatt li l-predeċessur tiegħi, l-ET l-Isqof Nikol Cauchi, li kien ammiratur ta' Don Sturzo, bejn Novembru 1958 sa Ġunju 1959 kien membru tal-Kumitat Ċiviku bħala delegat tal-Isqof Ġużeppi Pace, imbagħad sar membru tal-kumitat eżekuttiv li fassal l-istatut tal-Kunsill Ċiviku, u aktar tard membru tal-Kunsill Ċiviku sal-4 ta' Ġunju 1961! Ma neskludix li f'dan il-proċess tal-iżvilupp tal-kunċett ta' gvern lokali, Mons Cauchi kkontribwixxa bl-intwizzjonijiet Sturzjani.

Xi drabi f'pajjiżna tista' tingħata l-impressjoni li kultant jaħbtu jispuntaw qishom sentimenti separatisti! Dan jista' jinħass jekk ir-riflessjoni dwar ir-reġjun issir b'sens dejjaq u ma nħossuniex parti mill-bqija tan-nazzjon! Sfortunatament dan l-ispirtu negattiv ta' "aħna u intom" ġie li jimmanifesta ruħu ukoll fil-midja lokali u fl-atteġġjamenti ta' xi strutturi nazzjonali. Dawn l-attitudnijiet hemm bżonn li jiġu kkorreġuti għax la jagħmlu ġid lil Għawdex u anqas lin-nazzjon. Din il-viżjoni mijopika tissarraf biss f'telf għal kulħadd. Ir-reġjunalità tagħmel sens biss meta ssib postha fil-kawdru sħiħ nazzjonali. Għawdex mhux xi addenda fl-aġenda tan-nazzjon u r-reġjunalità tiegħu għandha tkun rikonoxxuta. Hemm bżonn li tikber aktar il-konvinzjoni li l-Gżira tat-Tliet Għoljiet għandha kontribut mhux żgħir x'toffri għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali, kulturali u spiritwali ta' pajjiżna.

F'dan ir-rigward, il-Knisja f'Għawdex tista' sservi ta' stimolu. Huwa fatt li s-Santa Sede rrikonoxxiet r-reġjunalità ta' Għawdex meta fis-16 ta' Settembru 1864 il-Papa Piju IX għamel lil Għawdex u Kemmuna djoċesi għaliha. Filwaqt li l-Knisja f'Għawdex baqgħet parti mill-Knisja Universali, bi strutturi amministrattivi lokali setgħet tikkura, tiżviluppa u tinkuraġġixxi l-potenzjal li kellu l-poplu t'Alla f'Għawdex u fl-istess waqt tgħinu ma jingħalaqx fih innifsu.

Tixhed l-istorja kemm il-Knisja għenet għall-iżvilupp tal-ħiliet kulturali, artistiċi u artiġjanali tal-gżira. Il-Knisja f'Għawdex kienet pijuniera bid-diversi inizjattivi li ħadet biex twieġeb għall-ħtiġijiet soċjali tal-Għawdxin: skejjel, orfanatrofji, laboratorji tas-snajja, dar għall-persuni b'diżabilità, ċentru ta' rijabilitazzjoni għall-vitmi tad-droga u alkoħol, ċentri għaż-żgħażagħ, eċċ. Peress li llum hawn min għandu

# KUNSILL ĊIVIKU TA' GĦAWDEX

## Esperjenza tal-Passat jew Mudell għall-Futur?

### *Diskors L-E.T. Mons. Mario Grech (kont.)*

interess li jikteb l-istorja tal-Knisja f'Għawdex b'mod mgħawweġ, b'sens ta' ġustizzja rrid infisser is-sodisfazzjon tiegħi li nagħmel parti minn Knisja li għandha kleru relattivament bl-akbar numru ta' saċerdoti li għandhom kwalifiki akkademiċi universitarji. Dawn is-saċerdoti ħadu l-formazzjoni fis-Seminarju Maġġuri, illum affiljat mal-Università ta' San Tumas f'Ruma, u li għal ħafna snin kien l-unika istituzzjoni ta' tagħlim ta' livell terzjarju f'Għawdex! Barra li minn dan is-seminarju ħarġu żewġ saċerdoti li saru isqfijiet ta' Malta, ħafna saċerdoti oħra wettqu l-ministeru tagħhom f'għadd ta' pajjiżi oħra, kemm f'ħidma ta' evanġelizzazzjoni kif ukoll bħala riformaturi soċjali.

Inħossni rikonoxxenti wkoll għall-fatt li f'din il-gżira ċkejkna twieldu żewġ istituti reliġjużi – is-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù u dawk Dumnikani, li llum qed iwettqu ħidma fejjieda anke f'artijiet oħra. Għadd ta' lajċi jafu l-formazzjoni umana, akkademika u spiritwali lill-Knisja. Frott ta' din il-formazzjoni, huma taw sehemhom fin-nisġa tat-tessut soċjali u politiku ta' pajjiżna! Fuq kollox, il-Knisja kienet u għadha l-kustodja ta' dawk il-valuri umani li huma s-sinsla tal-familja u s-soċjetà tagħna!

Dan u aktar huwa d-deheb tal-Gżira Għawdxija! Dan huwa d-deheb ta' Malta li jinsab fil-Gżira Għawdxija. Il-ħarsien ta' dan it-teżor jagħfas mhux biss fuq l-ispallejn tal-Għawdxin imma wkoll fuq in-nazzjon kollu!

Jekk Għawdex jiġi restitwit b'istituzzjoni kif kien il-Kunsill Ċiviku – istituzzjoni li tkun distinta mill-amministrazzjoni tal-Gvern Ċentrali u tkun verament rappreżentattiva tar-reġjun kollu –, bit-tħaddim tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tas-solidarjetà, l-interessi tal-Għawdxin jistgħu jkunu mħarsa aħjar u l-kontribut tal-gżira lin-nazzjon ikun akbar!

Filwaqt li bħala Knisja ma nehdewx inxandru lil Kristu u l-Evanġelju tiegħu li għandu qawwa li jsaħħaħ lil min hu b'saħħtu u jfejjaq lil min hu marid, hija xewqa tagħna li nkomplu nikkollaboraw ma' msieħba soċjali oħra għall-progress sħiħ ta' Għawdex, li huwa wkoll il-progress ta' pajjiżna. B'mod partikulari nemmnu li nistgħu ngħinu biex Għawdex joffri formazzjoni lil dawk li hemm bżonn jagħtu sehemhom fil-ħajja politika u amministrattiva ta' pajjiżna, partikularment fi gżiritna. Konvinti li d-demokrazija hija s-sistema li l-aktar tiggarantixxi l-parteċipazzjoni taċ-ċittadin fil-ħajja politika, nemmnu li ma jistax ikun hemm demokrazija vera jekk ma tkunx isserraħ fuq viżjoni retta ta' min hu l-bniedem. Hija din il-viżjoni li toffri garanzija li l-atturi soċjali kollha flimkien jistgħu jagħmlu front wieħed quddiem ċerti sfidi serji li għandna quddiemna, fosthom il-fibra morali, il-fraġilità tal-familja, id-denatalità, l-ekonomija, l-ambjent u l-integrazzjoni tal-immigranti. Bħala Knisja, aħna nemmnu li Kristu jagħtina din il-viżjoni biex nilqgħu dawn l-isfidi u lesti naqsmu din il-viżjoni ma' dawk kollha ta' rieda tajba.

# KUNSILL ĊIVIKU TA' GĦAWDEX

## Esperjenza tal-Passat jew Mudell għall-Futur?


## Dr. Edward Warrington

Kap tad-Dipartiment tal-*Public Policy*
L-Università ta' Malta




Dr Edward Warrington ħa lawrja fl-amministrazzjoni pubblika u x-xjenza politika mill-Universitajiet ta' Malta, ta' Toronto u ta' Oxford. Bejn l-1977 u l-1990 kien uffiċjal pubbliku fil-Klassi Amministrattiva tas-Servizz Pubbliku ta' Malta. Fost il-karigi li okkupa, kien Segretarju tal-Kummissjoni dwar Riformi fis-Servizz Pubbliku (1988-90), Deputat Direttur tal-Organizzazzjoni għat-Taħrig fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru (1990-91), u Membru tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (1994-96). Bejn l-1999 u s-sena 2007, kien Direttur tal-Istitut dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u l-Management fl-Università ta' Malta. Minnbarra dan, huwa membru tal-Kumitat Finanzjarju Djoċesan u konsulent amministrattiv tal-Arċidjoċesi ta' Malta. Huwa espert fil-qasam tat-tmexxija ta' stati żgħar. Dr Warrington kien Ko-Editur tar-rivista internazzjonali Public Administration and Development bejn l-1998 u s-sena 2009. Huwa kiteb jew kien editor ta' bosta pubblikazzjonijiet akkademiċi jew speċjalizzati.

## *Diskors Dr. Edward Warrington*

### IL-VALUR TA' TIFKIRIET L-IMGĦODDI

L-Għawdxin u l-Maltin jehdew bit-tifkiriet. Ma tgħaddix ġimgħa mingħajr tifkira ta' xi ċentinarju – ir-raba' jew il-ħames wieħed! – mit-twaqqif ta' xi parroċċa, inkella festa f'għeluq il-ħamsin sena mill-inkurunazzjoni ta' xbieha qaddisa, inkella lejla mużiko-letterarja f'ġieħ xi surmast li waqqaf banda ħamsa u sebgħin sena ilu, u l-bqija. Dawra mat-toroq tagħna twasslek minn niċċa għal oħra, minn minn mafkar għal irħama, donnok għaddej minn via sagra li tfakkar qaddisin, benefatturi u dawk li mietu b'diżgrazzja tul medda ta' sekli. Ħadd ma għandu jistagħġeb b'dan l-akkaniżmu għat-tifkiriet, għaliex aħna – Għawdxin u Maltin flimkien – poplu ċkejen bi storja twila. Il-monumenti, l-irħamiet, l-istejjer li nirrakkontaw minn nisel għal nisel, xi konferenza bħal din ta' llum – dawn kollha jfakkruna mnejn ġejjin; ifissrulna min aħna llum; u kultant, jekk ngħarbluhom sewwa, jgħinuna ngħarfu l-isfidi tal-ġejjieni.

Imma ngħixu fi żmien ta' bidliet mgħaġġlin, wiesgħin u mill-qiegħ, qalb il-vdalijiet ħajjin u mejtin ta' storja li ilha tintiseġ għal madwar sebat elef sena. X'jiswew dawn il-vdalijiet, dawn it-tifkiriet fi żmien daqstant imqalleb, daqstant ġdid, daqstant lest li jiċħad lill-imgħoddi? Din il-mistoqsija qiegħda tqum f'kull qasam tal-ħajja ta' ġensna, u t-tweġibiet aktarx m'humiex ċari. Qajjimha min sejjaħ din il-konferenza biex titfakkar il-ħamsin sena mit-twaqqif tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex: l-mistoqsija hi jekk kienx il-Kunsill Ċiviku esperjenza tal-imgħoddi inkella mudell għall-ġejjieni.

Fid-dawl ta' dak li għadni kif għidt dwar żminijietna, jien naħseb li l-Kunsill Ċiviku kellu biċċa mit-tnejn. Kien tabilħaqq esperjenza tal-imgħoddi mhux imbiegħed; kien fenomenu tal-ottimiżmu tas-snin sittin, li ma tawwalx; kien episodju qasir fl-istorja tal-gżejjer tagħna, imma għadda żmienu w intemm ħesrem minn awtorità kostituzzjonali aqwa minnu. Imma kien ukoll esperiment profetiku; xellef il-qafas amministrattiv li bih kien ilhom jitmexxew il-gżejjer Maltin; kien esperiment li joffrilna tagħlimiet siewja. Bi ħsiebni nitkellem fuq dawn iż-żewġ xejriet tal-Kunsill Ċiviku, mingħajr ma nidħol fl-istorja intima ta' kif twaqqaf, kif tmexxa u kif intemm, storja li qed tinkiteb. U, għalkemm għandi għożża speċjali għal Għawdex, ippermettuli nqis il-Kunsill Ċiviku bħala parti mill-qafas kostituzzjonali u amministrattiv ta' pajjiżna kollu kemm hu – Malta u Għawdex. Nibda bl-imgħoddi.

### IL-KUNSILL ĊIVIKU – ĦSIEB FUQ LI GĦADDA

Fost l-istituzzjonijiet demokratiċi u amministrattivi ta' pajjiżna, il-Kunsill Ċiviku intemm qasir il-għomor – tnax-il sena biss wara li twaqqaf b'liġi. Naraw kemm kien qasir dan iż-żmien meta nqisu li l-kunsilli lokali ilhom diġà jeżistu għal sbatax-il sena; li l-Parlament twaqqaf għall-ewwel darba disgħin sena ilu; li l-Ministeru għal Għawdex ilu

# KUNSILL ĊIVIKU TA' GĦAWDEX

## Esperjenza tal-Passat jew Mudell għall-Futur?

*Diskors Dr. Edward Warrington (kont.)*

jaħdem għal madwar kwart ta' seklu; li l-kariga ta' Kummissarju għal Għawdex damet teżisti, taħt forma jew oħra, għal għexieren ta' snin. Il-Kunsill Ċiviku mhux biss intemm qasir il-għomor: għalkemm twaqqaf bis-saħħa tal-inizjattiva ċivika ta' grupp żgħir ta' Għawdxin prominenti, intemm wara referendum dwaru li fih l-għadd ta' voti kien xi ħaġa aktar minn wieħed fil-mija ta' dawk li kellhom il-jedd jivvotaw! Skont l-istorja tal-amministrazzjoni ta' Għawdex miktuba minn Bezzina (2005), il-Kunsill Ċiviku kien imxekkel mill-indifferenza ta' bosta Għawdxin, mill-politika partiġġjana, mill-parrokkjaliżmu, u mill-fatt li l-membri parlamentari Għawdxin aktarx setgħu jaqdu l-interessi tal-kostitwenti tagħhom aħjar milli setgħa l-Kunsill Ċiviku.

Ma' dan ikolli nżid li l-Kunsill Ċiviku kien inizjattiva li marret kontra d-duttrina kostituzzjonali u amministrattiva ta' żmienu. Twaqqaf b'liġi – jiġifieri sar parti formali mill-qafas governattiv tal-gżejjer Maltin – fl-1961, meta Malta kienet titmexxa mill-Gvernatur u l-Uffiċċju tal-Kolonji, fost inċertezza kbira dwar il-ġejjieni politiku u kostituzzjonali ta' pajjiżna. L-esperti ta' dak iż-żmien kienu jqisu li kunsilli lokali eletti direttament kienu l-aqwa mezz biex jixterrdu sentimenti u drawwiet demokratiċi fost popli kolonjali. Mill-banda l-oħra, iżda, l-istess esperti kienu jqisu li biss gvern ċentrali b'saħħtu kellu l-ħila jmexxi l-iżvilupp ekonomiku u soċjali ta' stat ġdid. Minħabba dan il-ħsieb kontradittorju, f'bosta kolonji tas-snin ħamsin u sittin seħħew esperimenti bħal dak tal-Kunsill Ċiviku. Imma, meta waslet l-indipendenza, il-kurrent dar kontrihom: issaħħew bil-bosta s-setgħat u r-riżorsi tal-gvern- ċentrali, u malajr twarrbet it-tmexxija lokali jew reġjonali, ħafna drabi bl-iskuża li din kienet ineffettiva, ħalja u korrotta. Bejn wieħed u ieħor hekk ġara ukoll f'Malta: l-Uffiċċju tal-Kolonji laqa' l-inizjattiva tal-Kumitat Ċiviku ta' Għawdex fi tmiem is-snin ħamsin u waqqaf il-Kunsill Ċiviku, iżda l-kostituzzjoni ta' Malta indipendenti ma rrikonoxxitux. Ma kienx parti integrali mill-amministrazzjoni li writna minn żmien l-Ingliżi; lanqas ma sab postu fil-qafas kostituzzjonali ta' Malta indipendenti. Ħaġa tal-għaġeb, hekk kif seħħet l-indipendenza, l-Kunsill Ċiviku sar anomalija legali u amministrattiva. Tista' tgħid li lanqas ma sab postu fil-ħajja politika, għaliex minn banda kien jiżboq il-parrokkjaliżmu u l-piki partiġġjani tal-irħula u, mill-banda l-oħra, ftit li xejn kellu sehem fit-taqbida politika nazzjonali. Il-Kunsill Ċiviku baqa' jiddependi wisq mill-ħeġġa tal-membri tiegħu, mill-appoġġ li bired tal-Għawdxin, u mill-għajnuna u koperazzjoni tal-gvern ċentrali li, matul dawk l-ewwel għaxar snin tal-indipendenza, kellu inkwiet, ambizzjonijiet u proġetti bil-wisq akbar minn dawk tal-Kunsill Ċiviku.

### TAGĦLIMIET MILL-ESPERJENZA

M'inix ngħid b'daqshekk li l-Kunsill Ċiviku falla: anzi, kien proġett viżjonarju, ħeġġeġ il-politika f'Għawdex u dwar Għawdex, u wettaq proġetti ta' żvilupp infrastrutturali, soċjali w industrijali li kattru u qassmu l-ġid. Qed ngħid biss li l-viżjoni u r-riżultati waħedhom ma jassigurawx il-ħajja ta' inizjattiva politika jew kostituzzjonali, inkella amministrattiva. Dan jidher aktar meta nqabblu l-Kunsill Ċiviku mal-Ministeru għal Għawdex u mal-kunsilli lokali. Kemm il-Ministeru kif ukoll il-kunsilli mill-bidu kienu partijiet integrali mill-qafas kostituzzjonali u amministrattiv ta' Malta u Għawdex: huma istituzzjonijiet nazzjonali li jaqdu ħtiġijiet reġjonali u lokali. Bit-twaqqif tal-Ministeru għal Għawdex kif ukoll tal-kunsilli lokali seħħew bidliet istituzzjonali u organizzattivi importanti mingħajr, iżda, ma tqallbu l-ordni kostituzzjonali u amministrattiv tal-istat Malti. F'pajjiż ċentralizzat daqs tagħna, kien meħtieġ Ministeru għal Għawdex biex isemma' leħen il-gżira fil-qalba tat-tmexxija u fl-istess waqt jirrappreżenta lill-gvern ċentrali f'Għawdex. Daqs tant ieħor, fost nies li tant igħożżu l-belt jew raħal fejn twieldu u trabbew, kienu meħtieġa kunsilli lokali li jamministraw bejn wieħed u ieħor it-territorju u l-komunità parrokkjali. Fl-aħħarnett, tajjeb jew ħażin, kemm il-Ministeru għal Għawdex kif ukoll il-kunsilli lokali joqgħodu tajjeb fit-tifsila partiġġjana tal-ħajja politika ta' ġensna.

Jidhirli li hawn tgħalima importanti għal min jixtieq ifassal istituzzjonijiet li jmexxu 'l quddiem l-iżvilupp sħiħ ta' Għawdex. L-istorja tas-seklu għoxrin atkarx turina li dawn l-istituzzjonijiet ma għandhomx jinfirdu mill-iżviluppi kostituzzjonali w amministrattivi tal-istat. Jeħtieġ li jinżamm bilanċ fin ħafna bejn żewġ realtajiet: l-identità, il-partikolaritajiet u l-interessi ta' Għawdex u l-Għawdxin min-naħa waħda; u min-naħa l-oħra r-relazzjoni ħajja, intima, inter-dipendenti bejn iż-żewġ gżejjer – Malta u Għawdex. Qafas kostituzzjonali u amministrattiv bħalma kellna fis-snin sittin, sebgħin u tmenin aktarx iqis lil Għawdex sempliċement bħala biċċa mit-territorju nazzjonali ... u aktarx iwassal għal politika li tittraskura lil Għawdex u 'l-Għawdxin. Mill-banda l-oħra, esperiment bħalma kien il-Kunsill Ċiviku, li ma jħarisx lejn

# KUNSILL ĊIVIKU TA' GĦAWDEX

## Esperjenza tal-Passat jew Mudell għall-Futur?

dak kollu li hu l-istat Malti u dik li hi l-politika f'pajjiżna aktarx jintemm qasir il-għomor.

### ISTITUZZJONIJIET GĦAL GĦAWDEX, ILLUM U GĦADA

Min jixtieq jipproponi istituzzjonijiet ġodda biex imexxu 'l quddiem l-iżvilupp sħiħ ta' Għawdex bħala 'gżira-reġjun' irid iqis għall-anqas dan li ġej:

- L-ewwel, dak li jippermettu l-Kostituzzjoni ta' Malta, il-prattika amministrattiva u finanzjarja ta' pajjiżna, u l-opinjoni pubblika f'Malta mhux biss f'Għawdex;
- It-tieni, ix-xejriet demografiċi tal-gżira, fosthom il-fatt li f'Għawdex m'għadhomx igħixu Għawdxin biss;
- It-tielet, il-fatt li Għawdex huwa distrett elettorali ta' importanza ewlenija, b'influenza kultant determinanti fuq il-politika nazzjonali;
- Ir-raba', is-sussidju li jieħu Għawdex taħt bosta forom, imqabbla mar-riżorsi finanzjarji li l-gżira jkollha ħila tipprovdi għall-iżvilupp tagħha stess;
- il-ħames, l-iżvilupp ekonomiku ta' pajjiżna kollu kemm hu, flimkien mal-qagħda finanzjarja tal-Gvern ċentrali
- is-sitt punt, l-effett ta' struttura ta' tmexxija reġjonali fuq istituzzjonijiet li diġà jeżistu, fosthom il-Ministeru għal Għawdex, id-deputati parlamentari eletti minn Għawdex, il-kunsilli lokali, l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, is-sistema fiskali, u l-awtoritajiet li jirregolaw swieq u servizzi pubbliċi (bħal Transport Malta, il-Malta Communications Authority u l-MEPA).

### IS-SEHEM TAL-PARTITI POLITIĊI U TAL-FORZI SOĊJALI/ EKONOMIĊI

Il-kampanja li wasslet għat-twaqqif tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex tmexxiet minn għadd żgħir ta' nies prominenti, meta l-partiti politiċi ewlenin ma setgħux jinfluwenzaw l-għażliet tal-Gvern kolonjali. It-tabib Tabone u sħabu kienu huma stess uffiċjali pubbliċi jitkellmu ma' uffiċjali pubbliċi oħrajn: ukoll jekk ma rawx l-affarijiet bl-istess lenti, kienu jħaddnu valuri tal-ħajja pubblika li wassluhom għal ftehim.

Illum, il-ħajja politika hija ħafna aktar komplessa. L-edukazzjoni u l-ġid materjali biddlu l-fehma, l-istil ta' ħajja u l-aspirazzjonijiet tal-Għawdxin. Wara kull proposta dwar Għawdex hemm interessi kummerċjali qawwijin. Barra minn dan, hawn żviluppi kontrastanti fil-prattika amministrattiva: minn naħa, ċentralizzazzjoni li dejjem tiżdied ta' deċiżjonijiet dwar policy; min-naħa l-oħra, l-użu tas-suq u tal-kunsilli lokali biex jipprovdu servizzi infrastrutturali u soċjali. Hemm inċertezzi kbar dwar il-qagħda finanzjarja tal-istat u l-piżijiet li jista' jġorr 'l quddiem. Fuq kollox, kif għidt fil-bidu, ġensna qiegħed iġarrab bidliet mgħaġġlin, wiesgħin u mill-qiegħ. Minħabba dan kollu, għalkemm jeħtieġ nadattaw l-istituzzjonijiet governattivi għal sfidi ġodda, dan l-adattament jitlob sforz politiku qawwi u aktarx fit-tul; inizjattiva li fiha jieħdu sehem ħafna aktar mexxejja, uffiċjali, esperti u għaqdiet milli ġara meta twaqqaf il-Kunsill Ċiviku. Min-naħa l-oħra, iżda, il-politika hija wkoll aktar flessibbli, aktar lesta takkomoda pluraliżmu soċjali u diversità istituzzjonali.

### ID-DIMENSJONI REĠJONALI FIL-GOVERNANZA F'MALTA

Sa issa, l-iżvilupp kostituzzjonali u amministrattiv ta' Malta u Għawdex ma tax importanza lid-dimensjoni reġjonali. Bis-saħħa tas-sħubija fl-Unjoni Ewropea, għandna għall-anqas dikjarazzjoni dwar ir-reġjun ta' Għawdex. L-emendi fil-liġi li tirregola l-gvern lokali wkoll jipprovdu għal strutturi reġjonali. Sa issa, il-valur ta' dawn l-istrumenti legali huwa aktar simboliku milli sostantiv: daħħlu kunċett ġdid fil-qafas kostituzzjonali u amministrattiv li 'l quddiem jista' jiżviluppa fi strutturi u sistemi.

Ta' min jgħid li l-Unjoni Ewropea tagħti valur kbir lir-reġjuni tal-istati membri u tindirizza politika u għajnuna għall-iżvilupp tagħhom. Minbarra dan, qed jitħaddem il-kunċett ta' variable geometry fil-kostituzzjonijiet u fl-amministrazzjoni ta' bosta pajjiżi: dan ifisser li s-setgħa titqassam skont il-ħtiġijiet, it-talbiet, il-karatteristiċi u l-kapaċitajiet politiċi/amministrattivi ta' reġjuni differenti. Hekk, ngħidu aħna, għalkemm fi Spanja hemm sbatax-il 'komunità awtonoma', is-setgħat u l-awtonomija tagħhom ivarjaw; l-istess fir-Renju Unit wara d-devoluzzjoni tal-poter lill-Iskozja, Wales u r-reġjuni fl-Ingilterra. Għalhekk, jekk jissaħħew ir-reġjuni li għadhom kemm inħolqu fl-organizzazzjoni tal-istat tagħna, Għawdex, bħala 'gżira-reġjun' jista' jkollu setgħat u strutturi differenti minn tar-reġjuni f'Malta. Nagħlaq b'mistoqsija: issa li ż-żewġ partiti politiċi jidhru li jixtiequ jissoktaw bil-laqgħat tal-Kumitat Parlamentari Magħżul dwar it-tisħiħ tad-demokrazija, jistgħux jinkarigawh li jipproponi linji gwida għall-iżvilupp ta' governanza reġjonali, b'riflessjoni fil-fond fuq il- karatteristiċi ta' Għawdex u l-ħtiġijiet istituzzjonali tiegħu? B'hekk ukoll tista' tissaħħaħ id-demokrazija u titjieb it-tmexxija governattiva.

Jekk dan iseħħ, nistgħu nħarsu lejn il-Kunsill Ċiviku bħala mudell? Bla dubju, iva! Fl-istorja ta' pajjiżna ma kienx hemm esperiment ieħor ta' tmexxija

# KUNSILL ĊIVIKU TA' GĦAWDEX

## Esperjenza tal-Passat jew Mudell għall-Futur?

### *Diskors Dr. Edward Warrington (kont.)*

reġjonali li jinkorpora dawn l-erba' elementi, jiġifieri –

a. kien Kunsill rappreżentattiv u demokratiku;
b. kellu funzjonijiet u ġurisdizzjoni tabilħaqq reġjonali;
c. kien iħaddan ukoll funzjonijiet u ġurisdizzjoni lokali;
d. kien igawdi minn miżura ta' awtonomija fiskali.

Minbarra dan, imma, il-Kunsill Ċiviku kien il-frott ta' inizjattiva ċivika, fi żmien li la kien hawn ċittadinanza fis-sens li nifhmuha llum u wisq anqas dak li nafu bħala 'soċjetà ċivili'. Għalhekk, din kienet inizjattiva tassew profetika. Għalhekk ukoll, minbarra li nfakkru l-Kunsill Ċiviku llum, għandna ukoll insellmu lil dawk l-erba' irġiel li ħolmu bih u stinkaw biex jitwaqqaf. Huma mudell ta' ċittadinanza ħajja, attiva, kreattiva, kuraġġuża, ċittadinanza li tfittex il-ġid ta' pajjiż lil hinn minn kull interess dejjaq jew partiġġjan. It-Tabib Tabone u sħabu saru l-'qaddisin patruni' li qajmu fuq saqajha lil gżira żgħira, traskurata, wara raqda ta' sekli. Bħala Malti u ċittadin, nixtieqhom jitqiesu ukoll bħala 'qaddisin patruni' tas-soċjetà ċivili ta' żmienna.

# KUNSILL ĊIVIKU TA' GĦAWDEX

## Esperjenza tal-Passat jew Mudell għall-Futur?

## Mr. Luc Van den Brande

### President CIVEX



**Parliamentarian mandates:** Member of the Belgian House of Representatives for the district of Mechelen (1977-1991); Leader of the Christian Democratic group CVP (1985 – 1988); Member of the Council of Culture and the Flemish Council (12.05.77-21.05.95); Senator for the district of Mechelen-Turnhout (1991-1995); Member of the Flanders House of Representatives for Mechelen-Turnhout (13.06.95-04.07.95); Chairman of the Commission for Foreign and European Affairs (1999-2004); Member of the Flanders House of Representatives for the Province of Antwerp (2004-2009); Senator of Community – Member of the Federal Advisory Committee on European Affairs (1999 – 2009).

**Governmental functions:** Federal Minister of Employment and Labour (09.05.88-21.01.92); President of the Government of Flanders and Minister for Economic Affairs, Small and Medium-Sized Business, Science Policy, Energy and Foreign Relations (21.01.92-30.01.92); Minister-President of the Government of Flanders and Minister for Economic Affairs, Small and Medium-Sized Business, Science Policy, Energy and Foreign Relations (30.01.92-20.06.95); Minister-President of the Government of Flanders, Minister for Foreign Policy, European Affairs, Science and Technology (20.06.95-13.07.99).

**European mandates and responsibilities:** Member of the Bureau of the Assembly of European Regions (1992-1994) – Vice-President (1994-1996) – President (1996-2000); Member of the Committee of the Regions (since 1994) – Vice-President (1994-1998) (2000-2002) – Head of the Belgian Delegation (2002-2006) – First Vice-President (2006-2008) – President (2008-2010) in this capacity initiating and implementing e.g. several projects: on Multi Level Governance, the European Entrepreneurial Region of the Year, launching of the Assembly of Regional and Local Authorities of the Mediterranean, involvement in the EaP and coordination of European regional and cohesion policy; Actually President and Chair of the CIVEX Committee (since 2010); Special Adviser Commissioner Johannes Hahn, responsible for Regional policy, to advise on how to strengthen the role of regions and municipalities in cohesion policy, EU2020 strategy with special emphasis on multi level governance, appointed by the EC (since October 2011).

### *Diskors Mr. Luc Van den Brande*

It is a honour to deliver the keynote speech to this extraordinary event. Intervening at the end of this conference, I have the privilege to have heard many interesting kont.ibutions and the debate. I must say that I have had the chance to learn a lot about the island of Gozo, its particular history and the significance of local self-government for the island and its inhabitants.

Benefiting from your warm hospitality, visiting some of the most important places on the island and speaking to local people – I have had the opportunity to understand some important things about this beautiful place. And as much as it is different from my native Flanders and Belgium, the two regions share at least a couple of common elements: their commitment to Europe and the strong desire to work in partnership with other regions in other Member States towards mutual prosperity and growth.

However one difference between Gozo and Flanders is – I dare say – insurmountable: Gozo is an island. Insularity bears with it some inherent constraints resulting mainly from the combined effects of physical remoteness and restricted surface area as well as limited natural and small populations. But on the other hand, islands have certain striking advantages: a rich environmental and cultural heritage, high biodiversity, great potential as regards sustainable energy resources, a major role in the EU's tourist industry and a geo-strategic location as crossroads of goods, persons and civilisations. Of course, their specific status has to be dealt with extreme care: the "insular" factor my turn into fragility for its citizens who are often tempted to leave for better opportunities, and for its entrepreneurs who are scared by the

# KUNSILL ĊIVIKU TA' GĦAWDEX

## Esperjenza tal-Passat jew Mudell għall-Futur?

### *Diskors Mr. Luc Van den Brande (kont.)*

limits of the market and the insularity's over-costs, from transport to energy to quote a few. More than 15 million EU citizens live in "island regions". This is equivalent to approximately 3% of the total population of the European Union, but all together represents a "medium-sized" member state of the EU. This is why the Treaties recognise the distinct situation of these regions and as such provide that it will be taken into account in the determination of EU policies, in particular economic, social and territorial cohesion. But this has been a very long process, started in the '90s, during the negotiations for the Amsterdam Treaty, when the European parliament and the Committee of the regions started decoupling the concept of outermost regions, at that point the only 'territorial disadvantage' recognised by the Treaties, and regional islands; in parallel we had also successfully started proposing the idea of "territorial cohesion", which is by now recognised as a principle in the Treaty alongside economic and social cohesion.

This definition is of a paramount importance for Gozo because it will help in future to defend your territories, and I think in particular to the future cohesion policy after 2020 when functionality and territorial handicaps may become the main point of reference to allocate structural funds or incentives for regional development.

Similarly, the recent accent put by the Commission to smart growth should stimulate in island regions "potentialities for staying", in particular by using the new IT and the added value for citizens of social innovation. I shall not remind you that one of the first internet providers in Europe was coming from an island, called 'Tiscali', after a village in the middle of Sardinia.

Each member state has its own tradition for the organisation at the local and regional level. But in today's Europe even the smallest region counts and has full right to participate in the European process. The territorial diversity of the EU is a vital asset that can kont.ibute to the sustainable development of the EU as whole.

It is interesting to note that regional and local government is seen as the most trustworthy tier of government in Europe – this is not my personal opinion but the outcome of a recent Eurobarometer survey:

While only one third of European citizens trust their national government (34 %), half claim they trust their local and regional authorities (50 %), which is greater than the level of trust in the European Union as a whole (47 %). Therefore, there is a general consensus that local and regional tiers of government need to have a substantial input in the European decision-making process.

The Lisbon Treaty kont.ins a significant symbolic but also substantive novelty: it expressly proclaims the respect of the EU for the fundamental political and constitutional structures of the Member States, including the principle of local and regional self-government. This is indeed a bold step and builds upon the Council of Europe's Charter of Local Self Government, to which all the Member States adhere to.

Regions and cities are rightfully full partners in the European process. The Committee of the Regions, as the assembly of elected representatives at the local and regional level, strives to channel the voice of the grassroots in EU policy making and legislation. And in all modesty let me say that it is quite successful at this. In addition, in some cases and based on the relevant constitutional structures, it is actually the regions which undertake to represent some Member States in the Council of ministers.

However, the presence of regions and cities in the European project goes far beyond formal representation in European institutions. Do not get me wrong, representation is very important! But I am referring to the gradual strengthening of the notion of multi-level governance, which has been championed by the Committee of the Regions, and which will accompany the future of structural funds and the EU 2020 strategy for growth.

Local and regional authorities are not merely the executors of decisions taken in "2 square kilometres of Brussels". Being closest to the people, they are on the front line regarding tackling tangible issues and challenges such as unemployment, health care, the environment and immigration.

This is indeed where multi-level governance comes in: The vision advocated by the Committee of the Regions is anchored on the abandonment of the pyramidal hierarchical approach in the European Union which places Europe above the Member States, the Member States above the regions, the regions above the cities and the local communities. Instead, we need a new partnership between these entities to bring the EU closer to the citizens.

Multi-level governance has been defined by the CoR in its white paper of 2009 as "coordinated action by the European Union, the Member States and local and regional authorities,

# KUNSILL ĊIVIKU TA' GĦAWDEX

## Esperjenza tal-Passat jew Mudell għall-Futur?

based on partnership and aimed at drawing up and implementing EU policies". Currently the CIVEX commission of the CoR – which I have the honour to chair – is debating a second own-initiative opinion, which aims to carry the concept of multi-level governance further by solidifying a "European culture" based on its tenets. I have been entrusted with the responsibility of being the rapporteur on this very important opinion.

In this capacity, it is my pleasure to share with you the prospects for implementing the logic of multi-level governance in everyday life in Europe.

The purpose of the Committee's 2009 White Paper has been to call on the EU institutions and Member States to step up the involvement of local and regional authorities in the preparation and implementation of EU policies; to "build Europe in partnership" and to enhance shared responsibility for the outcomes of policies between the different tiers of government concerned.

Multi-level governance is not a legal instrument meant to alter the division of powers, but a dynamic horizontal and vertical process representing a convincing political blueprint for all actors involved in policy-making, be they various tiers of administration on the one hand, or civil society and the social partners on the other. Both the horizontal and vertical dimension of multi-level governance are equally crucial in implementing coherent sectoral policies and ensuring sustainable development and synergies with the other relevant policies of the EU.

In the Committee's view, multi-level governance is not about the shedding or separation of competences, but it concerns the sharing of power in the most efficient way. Yet, it does not in any way dilute political responsibility, but enhances joint ownership of projects and policies. In this way multi-level governance goes hand-in-hand with the principle of subsidiarity, which guarantees that decisions are actually taken at the level which would bring most effective results. Indeed it should be mentioned that the Lisbon Treaty has emphasised the local and regional dimension of subsidiarity and has entrusted a particular role to the CoR by conferring upon it the right to seize the Court of Justice when it considers EU legislative acts to be in violation of subsidiarity. Through the CoR mechanisms – notably the Subsidiarity Monitoring Network – every region notwithstanding its competences and formal status is guaranteed a strong and equal footing in subsidiarity monitoring.

In 2001, the European Commission identified five principles underpinning good governance, namely: openness, participation, responsibility, effectiveness and coherence. The interplay between subsidiarity and multi-level governance crucially ensures that these principles are implemented, maintained and enhanced.

The CoR is convinced that the best way to guarantee the implementation of multi-level governance is the community method, on which as you know the EU system has been built. This paradigm of course does not rule out other policy-making mechanisms, such as the open method of coordination or the arrangements which are been incrementally put in place in the are of economic policy. However, here too the application of multi-level governance ensures that they become more inclusive by taking regional and local specificities into account.

The CoR has therefore recommended that all major Community strategic reforms should be accompanied by regional action plans agreed between the European Commission and the Committee of the Regions.

Multi-level governance also proposes, in the framework of the European growth strategy till 2020, the establishment of European territorial pacts as a means of bringing together, on a voluntary basis, the different competent tiers of government in order to adapt the implementation of the major political priorities and objectives of the European Union on a partnership basis with the local and regional authorities. I am happy to see that this notion is been increasingly accepted in EU policy making, not only in economic and social policies but also in policies closer to the person, such as the integration of migrants.

I also would like to note that the European Grouping of Territorial Cooperation (EGTC) is considered by the CoR a laboratory of multi-level governance allowing different levels of government to participate on equal conditions and to be in kont.ct with the needs of the people and of the territory in partnership with socioeconomic actors. I am convinced that the EGTC is a tool particularly useful and important for island regions: through this vehicle cooperation with existing partners can be solidified and new partnerships can be forged as well. Inter-Regional cooperation has always existed, but it was aimed to foster cooperation between regions sharing a border, a difficult concept to apply to an island, or sharing a geographical part of Europe. The new concept of the EGTC may bring your island cooperating

# KUNSILL ĊIVIKU TA' GĦAWDEX

## Esperjenza tal-Passat jew Mudell għall-Futur?

### *Diskors Mr. Luc Van den Brande (kont.)*

with other territories sharing similar issues, from the Åland island in Finland, to Santorini in Greece, Sicily in Italy and up to the Scottish islands or Bornholm in Denmark, providing that the respective central governments had accepted to delegate some autonomy to their regional islands, which is a pattern quite common – I am thinking in particular of the special status of the Åland in Finland, the Açores or Madeira in Portugal, regions with legislative powers very active in building up an Europe based on multi-level governance.

Based on this positive feedback, the Committee's own initiative opinion on Developing a European Culture on Multi-level governance will aim to bring the discussion further. The CoR will explore thus the possibility of drawing up an action plan with the European Institutions, coming up with a "multi-level governance scoreboard" and eventually taking the initiative to draft an EU Charter for Multi-level governance.

I have recently been witness to the fact that people that live on islands have the will, expertise and vision to sustain and develop strong and creative communities. With appropriate acknowledgement and support, sustainable communities thrive on islands big and small and help their territories draw successful courses into the 21st century.

Last week I was in Cyprus for the external meeting of the CIVEX committee. On that island too – which I note has strong historical and cultural links with Malta – I was able to see people determined to build strong local communities within the broader framework of the European Union. Much like Malta, Cyprus has in recent years been quite centralised. But last week we heard of planned administrative reforms, which will strengthen local self-government and will also introduce for the first time the concept of regional self-government on the island.

Malta too has seen a gradual strengthening of local self-government. The 14 local councils of Gozo, the projects they undertake in cooperation with each other as well as the services they place at disposal of their citizens provide a convincing testimony to this reality. It is certain that citizens, wherever they live in Europe, need to effectively influence decisions which affect their daily life, from the ordinary administration, to extraordinary circumstances like civil protection or migrants' integration. This is valid both at national level and the EU level, where regions and municipalities need to be represented where decisions are taken. Decentralisation remains therefore the way forward and further steps in decentralisation cannot be ruled out in the future, depending of course on the will of the inhabitants of this unique Archipelago.

In this sense, the experiment and experience of the Gozo Civic Council remains relevant to this very day. Perhaps it will provide the influence – indeed the spark – for more devolution or regionalisation. One thing is in any case certain: the people of Gozo are determined to achieve a sustainable future for their island within the larger kont.xt of the Mediterranean and Europe. The success of this endeavour is largely influenced by their strong will to build bridges not only to the sister island of Malta, but beyond, towards both shores of the Mediterranean and the European hinterland. Europe ladies and gentlemen is being built in partnership and Gozo is an essential part of this experiment!

# KUNSILL ĊIVIKU TA' GĦAWDEX

## Esperjenza tal-Passat jew Mudell għall-Futur?

## Onor. Chris Said, MP

### Segretarju Parlamentari għall-Konsumaturi, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika



Chris Said twieled in-Nadur, Għawdex fl-1970. Iggradwa mill-Università ta' Malta bħala Nutar u Avukat u pprattika l-liġi sakemm inħatar Segretarju Parlamentari fl-2008. Hu kien elett President tal-Kunsill tal-Istudenti fis-Sixth Form, President tal-MŻPN (il-Moviment Żgħażagħ Partit Nazzjonalista) f'Għawdex għal kważi għaxar snin u kien involut f'diversi organizzazzjonijiet u għaqdiet oħra, fosthom il-Gozo Football Association li mexxa għal għaxar snin. Chris Said kien elett għall-ewwel darba fil-Kunsill Lokali tan-Nadur fl-1993. Inħatar Sindku fl-1999 u baqa' jservi f'din il-kariga sal-2008. Tul dan iż-żmien, in-Nadur sar l-ewwel lokalità f'Malta li rċeviet il-European Destination of Excellence Award (EDEN). Chris Said kien elett fil-Parlament fl-2008 u nħatar Segretarju Parlamentari responsabbli mid-Djalogu Pubbliku u l-Informazzjoni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Hu mexxa l-proċess ta' tiġdid tal-Gvern Lokali f'Malta, reġa' waqqaf il-MEUSAC (Malta-EU Steering Action Committee), u poġġa l-konsultazzjoni u d-djalogu fuq l-aġenda tal-Gvern. Sentejn wara l-ftuħ tal-leġislatura, il-Prim Ministru Lawrence Gonzi fdalu aktar responsabbiltajiet, fosthom l-Affarijiet tal-Konsumatur, il-Kompetizzjoni u r-Relazzjonijiet Industrijali. Chris Said qed jirnexxilu jnaqqas il-prezzijiet tal-mediċini, u qed jippilota liġi ġdida li twaqqaf l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur.

Chris Said miżżewweġ lil Linda neè Attard u għandhom tlitt itfal, Anastasia, Andrea u Benjamin.

### *Diskors Onor. Chris Said*

Huwa ta' pjaċir kbir għalija li qegħdin hawn illum biex mhux biss infakkru anniversarju importanti fl-istorja tar-reġjonalità ta' Għawdex iżda wkoll biex inħarsu 'l quddiem u naraw kif nistgħu nitgħallmu mill-passat biex anke f'Għawdex ikollna mudelli ta' amministrazzjoni reġjonali, b'sehem wiesa', li jgħinu lil awtorità ċentrali fl-iżvilupp tal-gżira.

Bħala Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali, ħassejna li l-ħamsin anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex huwa mument li jixraq li jkun immarkat għaliex kien l-ewwel darba li f'pajjiżna tpoġġa fil-prattika il-prinċipju tas-sussidjarjetà. Biex infakkru dan l-anniversarju, waqqafna Kumitat li ħa ħsieb jorganizza ċerimonja ta' tifkira li saret f'April li għadda fil-Banca Giuratale – il-post li fih kien jiltaqa' l-Kunsill Ċiviku. Illum qed norganizzaw din il-konferenza. Se jkun pubblikat ktieb dwar l-istorja tal-Kunsill Ċiviku, bil-pinna tal-istoriku Għawdxi Reverendu Joe Bezzina. Se nkunu qed intellgħu wirja dwar l-istorja tal-Kunsill Ċiviku.

Għaliex dan kollu? Nemmen li dan huwa anniversarju ta' waħda mill-ġrajjiet l-aktar importanti fl-istorja politika ta' gżiritna. Wara li għal mijiet ta' snin aħna l-Għawdxin ma kellniex vuċi fit-tmexxija tal-affarijiet interni, fl-1961, Għawdex ingħata amministrazzjoni semi-awtonoma. Il-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex, introdott b'Ordinanza XI dwar Gvern Lokali possibbli sa dak iż-żmien. Dan kien jeżerċita kontroll effettiv fuq l-amministrazzjoni u fuq l-ekonomija tal-gżira Għawdxija.

L-ewwel Kunsill twaqqaf fl-10 ta' Lulju 1961 u kien magħmul minn ħmistax il-kunsillier fosthom it-Tabib Anton Tabone bħala President u s-Sur Anton Buttiġieġ bħala Viċi-President. Huwa xieraq li llum insellmu lil dawk ħutna Għawdxin li taw is-servizz tagħhom lil Għawdex f'dan il-Kunsill Ċiviku tul it-tnax il-sena li dam jiffunzjona.

Tul dawk is-snin, il-Kunsill Ċiviku kien strumentali fit-titjib ġenerali u fl-immodernizzar tal-gżira tagħna. Fost l-oħrajn ħa deċiżjonijiet li permezz tagħhom poġġa l-pedamenti tal-infrastruttura u tal-ekonomija tagħna. Ħadem biex tejjeb il-qafas tat-toroq u s-servizz tal-ilma, dawl, elettriku u d-drenaġġ. Żviluppa faċilitajiet edukattivi u sportivi, u bdiet ħidma

# KUNSILL ĊIVIKU TA' GĦAWDEX

## Esperjenza tal-Passat jew Mudell għall-Futur?

*Diskors Onor. Chris Said (kont.)*

biex tinbet l-industrija tat-turiżmu f'Għawdex.

Sa mill-bidu nett il-Kunsill Ċiviku beda kampanja biex Għawdex jinżamm nadif bl-introduzzjoni ta' diversi servizzi u l-bini ta' faċilitajiet sanitarji li qabel kienu ftit jew inkella kienu kollha ċentralizzati fir-Rabat. Il-Kunsill approva l-asfaltar ta' erbgħa u ħamsin kilometru ta' toroq u witta madwar ħamsa u għoxrin kilometru ta' toroq oħra. It-toroq tal-lum, dawk li mir-Rabat jagħtu għall-Imġarr, għal Marsalforn, għax-Xlendi, għan-Nadur, ix-Xagħra, iż-Żebbuġ, l-Għasri u għal Ta' Pinu, kienu twessgħu f'dawk iż-żmenijiet. Tqiegħdu tnax il-kilometru ta' pajpijiet għas-servizzi b'ħafna mid-djar jitqabbdu għall-ewwel darba mas-sistemi tal-ilma u tad-drenaġġ u twaħħlu sitt mija u ħamsin arblu tad-dawl.

Il-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex għen kemm felaħ l-iskejjel, il-librerija pubblika u l-libreriji tal-iskejjel. Ħadem biex itejjeb il-faċilitajiet tal-istadium t'Għawdex u nibtu l-ewwel playing fields fix-Xagħra, fin-Nadur u fix-Xewkija.

Il-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex tejjeb il-faċilitajiet tal-bajjiet ewlenin – minn Marsalforn għax-Xlendi sar-Ramla. Il-ħidma tal-Kunsill Ċiviku tat bidu għall-bini ta' tliet toroq panoramiċi minn Marsalforn sa Wied il-Għasri, mill-Qala saż-Żewwieqa, u minn Ta' Sannat sa Mġarr ix-Xini.

Dan ix-xogħol kollu u aktar sar tul is-sittinijiet li għal Għawdex, bħal fil-każ ta' Malta, kienu żminijiet ta' progress. L-Indipendenza li l-gżejjer Maltin kisbu fl-1964 fissret li Malta u Għawdex issa bdew ifendu għal rashom anki fil-qasam ekonomiku u bdiet il-ħidma biex jitqiegħdu l-pedamenti tal-industrija tat-turiżmu u ngħata bidu għal diversi proġetti infrastrutturali ta' importanza liema bħalha.

Fil-fatt il-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex kien ikkampanja bis-sħiħ:

- Biex inbena il-breakwater tal-Imġarr – flok wieħed eventwalment inbnew tnejn u l-port tkabbar;
- Biex tinbena żona industrijali fil-limiti tar-Rabat – hawnhekk, bejn l-1969 u l-1971, inbnew tmien fabbriki li offrew impjieg lil mijiet ta' Għawdxin;
- Biex inbena l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex b'diversi faċilitajiet u li wasslu biex pazjenti Għawdxin ma jkollhomx għalfejn jintbagħtu Malta jekk mhux f'każi estremi;
- U biex jinbena qasam tad-djar f'Taċ-Ċawla fir-Rabat – dan il-proġett tlesta f'nofs l-1971;
- Biex issir permanent link bejn Għawdex u Malta.

Nemmen li l-pass li jmiss għal Għawdex għandu jinkludi link permanenti – li fiżikament tgħaqqad lil Għawdex ma' Malta. Dan għandu jgħin biex niġbdu aktar investiment, noħolqu x-xogħol u nnaqqsu l-ammont ta' żgħażagħ Għawdxin li qed iħallu lil gżirithom biex jissetiljaw f'Malta. Dawn kienu wħud mir-raġunijiet li wassluni nressaq proposta lill-Gvern biex nagħmlu permanent link bejn Għawdex u Malta. Kif smajtu fil-jiem li għaddew, l-istudju preliminari, ko-ordinat minn Transport Malta, se jibda dalwaqt. U din il-ġimgħa, nhar il-Ħamis, se jkun hawn Malta inġinier espert Norveġiż li ħadem fuq diversi mini taħt qiegħ il-baħar f'pajjiżi Skandinavi – u se jaqsam dawn l-esperjenzi magħna.

Il-mertu ta' ħafna xogħol li sar f'Għawdex fis-sittinijiet u wara, primarjament, hu tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex li għaraf jikkonvinċi lill-Gvern bl-importanza ta' proġetti bħal dawn.

B'xorti ħażina, il-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex ġie xolt mill-Gvern fl-1973, li ma għarafx l-utilità ta' entità bħal din.

Kellhom jgħaddu kważi ħmistax-il sena biex Għawdex jerġa' jkollu sehem ewlieni fit-teħid tad-deċiżjonijiet dwar affarijiet li l-aktar jolqtuh mill-qrib. U dan, meta fl-1987, ġie appuntat l-ewwel Ministeru għal Għawdex u kompliet il-ħidma bid-deċiżjonijiet li li jaffettwaw lil Għawdex jittieħdu f'Għawdex stess ... u b'vuċi Għawdxija fil-Kabinett tal-Ministru li tpoġġi fuq nett l-interessi tan-nies tal-gżira. Il-Ministeru għal Għawdex illum kien aċċettat minn kulħadd.

Fil-bidu tad-disgħinijiet, imnebbaħ mill-prinċipju tas-sussidjarjetà u mill-idea li d-deċiżjonijiet li jolqtu lin-nies fil-ħajja ta' kuljum għandhom jittieħdu minn rappreżentanti li huma l-aktar qrib tagħhom, il-Gvern introduċa l-Kunsilli Lokali. Nistgħu ngħidu bla tlaqliq li dan kien esperiment li rnexxa, u f'Għawdex forsi aktar minn Malta.

L-erbatax-il Kunsill Lokali Għawdxi kienu minn tal-ewwel li kisbu u ħaddmu b'suċċess fondi Ewropej u issa qed jutilizzaw diversi skemi oħra ta' finanzjament li l-Gvern poġġa għad-dispożizzjoni tagħhom. Kull sena l-Kunsilli Lokali Għawdxin jirċievu qrib l-erba' miljun ewro bejniethom. Mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali sal-lum, il-Kunsilli Lokali ngħataw aktar minn tmienja u erbgħin miljun ewro mill-Gvern ċentrali, f'allokazzjonijiet finanzjarji annwali. Immaġinaw – tmienja u erbgħin miljun ewro fi sbatax-il sena li ntużaw mill-Kunsilli Lokali f'Għawdex. Kemm sar xogħol bihom!

Barra minn dawn, bejn l-2009 u l-2010, is-Segretarjat Parlamentari għall-Kunsilli Lokali ħareġ ħamsa

# KUNSILL ĊIVIKU TA' GĦAWDEX

## Esperjenza tal-Passat jew Mudell għall-Futur?

u għoxrin skema ta' finanzjament. L-erbatax-il Kunsill Lokali Għawdxi gawdew minn madwar żewġ miljun ewro – flus addizzjonali għall-budget annwali tagħhom. Li ma kienux dawn il-flus, 155 inizjattiva li ttieħdu mill-Kunsilli Lokali Għawdxin fis-sentejn li għaddew – bejn proġetti ta' restawr, tisbiħ, organizzazzjoni ta' attivitajiet, l-istallazzjoni ta' WI-FI fi spazji pubbliċi u tant affarijiet oħra – ma kienux isiru. Mhux għaliex m'hemmx il-ħeġġa politika; iżda għaliex il-Gvern ikun iffukat fuq il-ħtiġijiet ġenerali tal-gżira, filwaqt li l-Kunsilli Lokali huma aktar f'kuntatt dirett mal-komunità tagħhom u jifhmu aktar il-ħtiġijiet tal-lokalitajiet li jirrappreżentaw.

Fit-tliet snin li għaddew, Għawdex gawda wkoll billi waqqafna l-Kumitat Reġjonali għal Għawdex fi ħdan il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali. Il-Kumitat Reġjonali ta' Għawdex jiżgura li Għawdex hu rappreżentat fid-deċiżjonijiet li jħallu mpatt fuq l-ekonomija u l-qasam soċjali tal-gżira. Dan il-Kumitat iltaqa' 12-il darba fi plenarja u organizza sitt laqgħat oħra.

Fl-2010 infetaħ uffiċċju konġunt bejn il-MEUSAC u l-MCESD f'Għawdex biex dawn iż-żewġ organizzazzjonijiet ikollhom ir-rappreżentanza tagħhom f'Għawdex.

Tul dawn is-sentejn twettaq ukoll il-proċess ta' tiġdid tal-Kunsilli Lokali. Permezz tiegħu komplejna nwessgħu il-prinċipju tas-sussidjarjetà billi ħloqna l-Kumitati Amministrattivi. Tlieta minnhom jinsabu f'Għawdex.

L-emendi introduċew ukoll ħames reġjuni – wieħed minnhom hu Għawdex. Dan ikompli jikkonferma lil Għawdex bħala reġjun – mhux biss għall-fini ta' finanzjament, iżda wkoll għall-fini ta' amministrazzjoni pubblika. Huwa propju f'dan iż-żmien, li l-amministrazzjoni reġjonali ta' Għawdex bdiet tiffunzjona u bil-mod il-mod bdiet issib saqajha, li rridu nfakkru dan l-avveniment storiku billi nħarsu 'l quddiem u naraw x'tagħlimiet wieħed jista' jakkwista mill-esperjenzi tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex.

Issa li fl-aħħar 50 sena għaddejna minn dan kollu, tqum il-mistoqsija:

Wasal iż-żmien li nikkunsidraw struttura reġjonali għal Għawdex li ġġib flimkien rappreżentanti tal-Gvern, tas-soċjetà ċivili u tal-Kunsill Lokali, sabiex flimkien jikkontribwixxu fl-ideat u jfasslu l-futur tal-gżira?

Wasal iż-żmien li l-futur tal-gżira jitfassal minn din l-istruttura reġjonali, ippreseduta mill-Ministru responsabbli għal Għawdex li jkun il-link diretta bejn l-istruttura u l-Kabinett tal-Ministri?

Inkunu, b'din l-istruttura, qed inħeġġu parteċipazzjoni iżjed attiva u sens ċiviku aqwa fost il-popolazzjoni ta' Għawdex u ninvolvu lil kulħadd fit-tfassil tal-futur tal-gżira?

Huma dawn it-tip ta' mistoqsijiet li rridu nwieġbu fid-diskussjoni tagħna dwar il-futur ta' gżiritna.

Iż-żminijiet jinbidlu u jgħallmuna. Kull awtorità reġjonali taġġorna kull tant żmien il-mod kif twettaq l-amministrazzjoni tagħha sabiex taffaċċja sfidi ġodda bl-aqwa mod. Nemmen li anke għal Għawdex wasal iż-żmien li nħarsu lejn il-futur b'perspettiva iżjed wiesgħa u inklussiva sabiex b'hekk inkompli nibnu flimkien l-isbaħ futur għall-gżira li tant inħobbu.

Persważ li din il-konferenza serviet bħala l-opportunità ideali biex niddiskutu l-futur ta' gżiritna, fil-kuntest tal-ħeġġa, is-serjetà, id-determinazzjoni u – fuq kollox – is-suċċess tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex, li nofs seklu ilu bħal dan iż-żmien iltaqa' għall-ewwel darba biex Għawdex ikompli miexi 'l quddiem, fl-aqwa interessi ta' kulħadd.

# KUNSILL ĊIVIKU TA' GĦAWDEX

## Esperjenza tal-Passat jew Mudell għall-Futur?



## Onor. Giovanna Debono, MP

### Ministru għal Għawdex

Giovanna Debono twieldet ir-Rabat Għawdex, fil-25 ta' Novembru 1956, bint Coronato Attard, li kien ukoll Membru Parlamentari bejn l-1965 u l-1987 u Anna née Tabone.

Hija kisbet Baċellerat fl-Edukazzjoni mill-Università ta' Malta u ħadmet bħala għalliema bejn l-1981 u l-1987 mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni.

Fl-1987, Giovanna Debono kkontestat għall-ewwel darba l-elezzjoni ġenerali mal-Partit Nazzjonalista u kienet eletta fil-Parlament. Hija baqgħet tiġi eletta bħala Membru Parlamentari minn dak iż-żmien.

Fis-17 ta' April tal-1995, hija ngħatat l-irwol ta' Segretarju Parlamentari għall-Affarijiet tal-Familja fi ħdan il-Ministeru tal-Politika Soċjali. Ilha tokkupa l-kariga ta' Ministru għal Għawdex minn Settembru tal-1998 u hija membru tal-Political Bureau of the Conference of Peripheral Maritime Regions of Europe (CPMR) kif ukoll Viċi-President tal-Kummissjoni tal-Gżejjer fi ħdan l-istess CPMR.

Il-Ministru għal Għawdex hija responsabbli mill-affarijiet ta' Għawdex fosthom it-titjib u l-promozzjoni tal-iżvilupp ekonomiku, soċjali u kulturali tal-gżira, kif ukoll il-protezzjoni tal-ambjent u l-promozzjoni tal-identità kulturali ta' Għawdex.

Giovanna Debono hija miżżewġa lil Anthony u għandhom żewġ ulied – Noel u Anna.

### *Diskors Onor. Giovanna Debono*

May I first of all welcome Mr Van den Brande, (President of CIVEX), whose distinguished presence gives this gathering added significance. As I intend to point out during the course of my intervention in this discussion, the past fifty years have wrought significant milestones in the recent history of our little island, especially that related with its governance. However the minute geographical dimensions of Gozo have kont.nuously been aptly compensated by the ability of its people throughout the decades. The Gozitan people's entrepreneurship together with the endeavours of its administrators, have been instrumental in placing regional Gozo within the European kont.xt. Amongst other connotations this also means that Gozo is proving to be a valid and active kont.ibutor within the European Union's various projects that are in their turn proving to be beneficial to all Gozitan localities as well as the Gozitan people.

Wara dik in-nota ta' merħba, li naħseb li kienet doveruża, nixtieq issa nwassal l-intervent tiegħi, li kif diġà aċċennajt, jiffoka fuq kollox dwar il-ħila tal-poplu Għawdxi u kif dan irnexxielu jaħdem biex jikseb kwalità ta' ħajja dejjem aħjar matul iż-żmien. Huwa ta' sodisfazzjon li bħala Ministru għal Għawdex qed inwassal dan id-diskors f'din il-konferenza li qed tiġi organizzata f'għeluq anniversarju li jimmarka tragward importanti fl-istorja riċenti ta' Għawdex.

Ngħid dan b'rikonoxximent ta' dak li seħħ b'riżultat ta' liġi statutorja li permezz tagħha kien imwaqqaf il-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex f'April tal-1961. Fil-preżentazzjoni u d-diskorsi li segwew fil-kors ta' din il-konferenza, intqal u ġie spjegat kif dan il-Kunsill ħadem u kien strumentali biex Għawdex seta' jibda jgawdi mill-iżvilupp li kien jixraq f'dawk iż-żminijiet. Mhux biss, iżda kellu wkoll miri li filwaqt li ndirizzaw il-bżonnijiet infrastrutturali u ċiviċi ta' dak iż-żmien kienu wkoll ta' benefiċċju għall-ġenerazzjonijiet li ġew fil-futur. Dan huwa ħsieb li jorbot ma' dak li hu l-kunċett ta' żvilupp sostenibbli li huwa l-mira ewlenija tal-ħidma tal-Gvern preżenti għal Għawdex.

It-tema ta' din il-konferenza tiffoka fuq l-element reġjonali ta' din il-gżira li ġġorr il-karatteristiċi li huma normalment assoċjati ma' gżejjer, bħal ma huma fost l-oħrajn il-periferalità, l-aċċessibiltà, ekonomija żgħira li ħafna drabi twassal għal nuqqas ta' investiment barrani, id-dipendenza fuq numru żgħir ta' setturi ekonomiċi li allura jwasslu għal riskji akbar, kif ukoll il-fraġilità tal-ambjent. Dawn il-karatteristiċi, li jistgħu wkoll jiġu

# KUNSILL ĊIVIKU TA' GĦAWDEX

## Esperjenza tal-Passat jew Mudell għall-Futur?

interpretati bħala sfidi, għandhom effett aktar qawwi fuq gżejjer li jiddependu minn gżira oħra bħal ma hu l-każ ta' Għawdex.

Din l-insularità doppja tal-gżira ta' Għawdex tiddistingwi u għandha effett fuq l-element reġjonali. Jekk nikkunsidraw is-sistema politika lokali preżenti, ir-reġjun ta' Għawdex għandu partikolaritajiet differenti mir-reġjuni l-oħra f'Malta u meta wieħed jikkunsidrahom jasal għal konklużjoni li ħafna minnhom huma kkawżati minn din l-insularità doppja. U hawn nixtieq nirrimarka, li minkejja li ħafna drabi din is-sitwazzjoni ġeografika tiġi mpinġija b'mod negattiv, naħseb ilkoll naqblu li din għandha wkoll il-benefiċċji tagħha.

Il-fatt li Għawdex jattira mijiet jekk mhux eluf ta' Maltin li jaqsmu l-fliegu regolarment biex igawdu mis-sbuħija naturali u l-inħawi karatteristiċi li wieħed għadu jsib f'din il-gżira, huwa xhieda ewlenija ta' dan. Waħda mill-fatturi li seta' kellha effett qawwi fuq il-konservazzjoni ta' drawwiet, karatteristiċi u l-ambjent rurali ta' Għawdex hija fil-fatt l-insularità doppja.

Din l-insularità wasslet ukoll biex titqajjem il-kwistjoni tal-awtonomija. Nistgħu ngħidu li t-twaqqif tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex kien bidu ta' era politika ġdida li kienet ukoll ibbażata fuq il-kunċett ta' Gvern Lokali. Permezz tal-membri ta' dan il-Kunsill bdiet titwettaq politika reġjonali li bdiet tindirizza b'mod aktar dirett u parteċipattiv lill-gżira ta' Għawdex.

Minn dak iż-żmien l'hawn l-istorja wriet li dan il-kunċett huwa kunċett li ħadem u allura nistgħu ngħidu li kien punt ta' tluq li minnu evolvew kunċetti amministrattivi oħra, li permezz tagħhom baqgħet tiġi indirizzata l-attenzjoni politika għall-bżonnijiet reġjonali tal-gżira ta' Għawdex. U allura, iva, wieħed jista' jiġi għall-konklużjoni li dan il-Kunsill Ċiviku huwa esperjenza pożittiva tal-passat li serviet ukoll bħala mudell għall-futur.

It-twaqqif tal-Ministeru għal Għawdex fl-1987 kien pass importanti li jibqa' mniżżel bħala żvilupp determinanti fir-rigward tal-amministrazzjoni reġjonali tal-gżira ta' Għawdex. It-twaqqif ta' dan il-Ministeru kellu l-għanijiet prinċipali li jindirizza l-isfidi kkawżati mill-insularità doppja ta' Għawdex, filwaqt li jippromwovi politika reġjonali li tfittex li żżid il-kompetittività u ttejjeb il-kwalità tal-ħajja fuq il-gżira, biex b'hekk jitnaqqas id-distakk tal-iżvilupp soċjo-ekonomiku fir-rigward tal-gżira l-kbira. Żgur li dawn kienu objettivi prinċipali li għalihom ħadmu amministrazzjonijiet differenti permezz tal-Ministeru għal Għawdex, minn dak iż-żmien sal-lum.

It-twaqqif ta' Ministeru li jindirizza l-bżonnijiet speċifiċi tal-gżira reġjun ta' Għawdex, fisser li leħen Għawdex beda jinstema' u jkun preżenti fl-ogħla livelli politiċi. Bħala membru tal-kabinett il-Ministru għal Għawdex huwa parteċipi fid-diskussjoni li ħafna drabi tiddetermina deċiżjonijiet importanti għat-tmexxija ta' pajjiżna. Dan il-kunċett jikseb tifsira akbar meta wieħed iqis dak li għidna qabel fir-rigward tal-bżonnijiet speċifiċi ta' gżira reġjun bħal ma hu Għawdex. L-element qawwi ta' koordinazzjoni, kooperazzjoni u kollaborazzjoni tal-Ministeru għal Għawdex flimkien ma' Ministeri oħra jwassal biex jiġi attwat proċess ta' politika reġjonali fl-isfond ta' dik li hi l-politika nazzjonali. Dan iwassal biex jiġu mfassla strateġiji li jista' jkollhom impatt dirett jew indirett fuq il-gżira ta' Għawdex u mhux neċessarjament fuq il-pajjiż kollu.

Il-viżjoni eko-Għawdex hija eżempju kontemporanju, li qed ngħixuh ilkoll kemm aħna. Il-preżenza tagħkom ilkoll li qegħdin tipparteċipaw f'din il-konferenza, li nistgħu ngħidu tinkludi rappreżentanza qawwija tal-poplu Għawdxi kollu, tispirani biex bħala Ministru responsabbli mit-twettieq ta' din il-viżjoni nirringrazzja lilkom ilkoll u lil dawk kollha li qed jikkollaboraw mal-Ministeru għal Għawdex fil-ħidma tagħna biex nilħqu dan l-għan ambizzjuż. Ibda mill-parteċipazzjoni fil-konsultazzjoni pubblika li wettaqna bħala introduzzjoni għal ħidma marbuta ma' eko-Għawdex, li kompliet b'interess u kollaborazzjoni fid-diversi skemi u inizjattivi li wettaqna s'issa, inħoss li iva għandi ndur fuqkom ilkoll u ngħidilkom grazzi.

Grazzi għaliex emmintu f'din il-viżjoni, grazzi għaliex l-interess tagħkom u tal-komunitajiet li ħafna minnkom tirrappreżentaw, sewa bħala inkoraġġiment qawwi fit-tfassil tal-pjanijiet marbuta mat-twettieq ta' din il-viżjoni. Grazzi għaliex il-parteċipazzjoni tagħkom fl-iskemi u l-inizjattivi li nedejna, fost ħwejjeġ oħra, fl-ewwel xhur tal-ħidma tagħna, ser tkun strumentali biex kull lokalità f'Għawdex tkun parteċipi u fl-istess waqt benefiċjarja minn din il-viżjoni li ser tkun qed tiddetermina wkoll il-futur tal-gżira ta' Għawdex.

It-twaqqif tal-Ministeru għal Għawdex kien żvilupp fundamentali li beda jindirizza konkretament il-kwistjoni ta' politika reġjonali għal Għawdex. Matul iż-żmien dan il-Ministeru ġie kontinwament imsaħħaħ biex dik il-funzjoni li oriġinarjament bdiet topera permezz ta' żewġ direttorati, illum żviluppat f'operat immexxi minn Segretarjat Permanenti bil-għajnuna ta' żewġ Direttorati Ġenerali u ħames Direttorati relatati ma' setturi speċifiċi. Dan anke bis-saħħa ta' ristrutturar li sar matul din il-leġiżlatura u li permezz tiegħu ġew ikkreati żewġ direttorati ġodda li

# KUNSILL ĊIVIKU TA' GĦAWDEX

## Esperjenza tal-Passat jew Mudell għall-Futur?

### *Diskors Onor. Giovanna Debono (kont.)*

komplew isaħħu l-kompetenzi u r-riżorsi fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex filwaqt li ser ikunu strumentali biex dan il-Ministeru jkompli jindirizza setturi u materji ta' importanza speċifika għal Għawdex. Żgur li t-twaqqif ta' direttorat għal eko-Għawdex u Żvilupp Reġjonali kien importanti biex isostni r-responsabiltajiet marbuta mat-twettieq tal-viżjoni eko-Għawdex. Permezz tat-twaqqif tad-Direttorat għat-Turiżmu u Żvilupp Ekonomiku fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, il-Gvern irrikonoxxa l-importanza tas-settur turistiku għal gżira ta' Għawdex filwaqt li żied ir-riżorsi tal-istess Ministeru fir-rigward tal-ħidma mmirata lejn it-tisħiħ tas-settur ekonomiku.

Il-Gvern jindirizza fondi speċifiċi lejn il-gżira ta' Għawdex permezz ta' baġit li jlaħħaq miljuni ta' ewro fis-sena. Dan fir-rigward ta' spiża li tkopri l-operat tal-Ministeru għal Għawdex li jinkludi wkoll proġetti u inizjattivi oħra. Iżda l-politika reġjonali ġiet aċċentwata wkoll permezz ta' miżuri oħra meħuda mill-Gvern biex jiġu ndirizzati sfidi partikolari oħra. Dan sar ukoll biex tkompli tiġi ndirizzata l-ħtieġa ta' żvilupp soċjo-ekonomiku kontinwu biex primarjament jonqos dejjem aktar id-distakk fl-iżvilupp ekonomiku bejn iż-żewġ gżejjer kif ukoll dak bejn Għawdex u reġjuni oħra Ewropej. Kien għalhekk li minn żmien għal żmien, fil-konfront ta' Għawdex, il-Gvern wettaq miżuri li jaħdmu fuq il-prinċipju ta' solidarjetà f'kuntest wiesa' li jinkorpora kemm il-livell politiku kif ukoll dak ekonomiku, flimkien ma' dak finanzjarju u dak soċjali. Dan narawh f'diversi miżuri li jagħtu diskriminazzjoni pożittiva fir-rigward ta' Għawdex speċjalment fir-rigward tal-qasam tax-xogħol, il-qasam agrikolu, dawk li jaħdmu għal rashom kif ukoll fi skemi marbuta ma' enerġija rinovabbli jew dik alternattiva.

Esperjenzi riċenti li jkomplu jixhdu l-attenzjoni tal-Gvern ċentrali għal bżonnijiet reġjonali ta' Għawdex kienu l-allokazzjoni ta' €25 miljun mifruxa fuq tliet snin, fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni dwar eko-Għawdex kif ukoll l-allokazzjoni għas-sena li qegħdin fiha fejn ġew ivvutati €500,000 għar-reklamar ta' Għawdex bħala destinazzjoni turistika distinta. Ta' min jgħid li din kienet l-ewwel darba li l-Ministeru għal Għawdex qatt ingħata fondi għal dan il-għan speċifiku. Fuq kollox ir-reklamar ta' Għawdex bħala destinazzjoni turistika baqa' jingħata attenzjoni wkoll fil-kuntest nazzjonali permezz tal-ħidma mwettqa mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu.

Dan kollu jagħti ħarsa ħafifa lejn kif evolviet l-amministrazzjoni reġjonali tal-gżira Għawdxija f'kuntest nazzjonali. Iżda wieħed irid jinkludi wkoll il-kontribut effettiv li beda jingħata permezz tal-introduzzjoni ta' dik meqjusa bħala amministrazzjoni fuq livell lokali.

Ilkoll għixna l-istorja ta' meta fl-1993 ġew imwaqqfa l-Kunsilli Lokali f'pajjiżna, li erbatax minnhom imexxu lokalitajiet f'Għawdex. Ilkoll nirrikonoxxu kif l-irwol amministrattiv ta' dawn il-kunsilli żvilluppa permezz ta' devoluzzjoni ta' aktar poteri permezz tal-proċess ta' deċentralizzazzjoni li twettaq matul dawn l-aħħar 20 sena. L-istorja kompliet tevolvi anke riċentament bit-twaqqif tal-Kumitati Reġjonali kif ukoll permezz tat-twaqqif tal-Kumitati Amministrattivi fi ħdan numru ta' lokalitajiet, li Għawdex għandu tlieta minnhom. Żgur li dan kollu wassal biex l-amministrazzjoni fuq livell lokali tkun aktar qrib il-komunitajiet tal-lokalitajiet tagħna u fuq kollox tagħti riżultati aktar effettivi.

Ta' min jirrikonoxxi li anke hawn għandna element ieħor ta' finanzjament mill-Gvern ċentrali li jmur oltre minn dak allokat lill- Ministeru għal Għawdex u li allura jirrifletti aktar investiment tal-Gvern għal gżira ta' Għawdex f'kuntest reġjonali. Kulħadd konxju mill-fatt li l-Kunsilli Lokali tagħna huma limitati fir-rigward ta' introjtu finanzjarju u allura jiddependu ħafna fuq il-finanzjament mill-Gvern ċentrali biex ikunu jistgħu jipprovdu s-servizzi u proġetti li huma responsabbli għalihom fil-lokalitajiet tagħhom.

Hawnhekk però nixtieq infaħħar l-inizjattiva u l-ħidma għaqlija tal-Kunsilli Lokali Għawdxin li lkoll għarfu jużaw ir-riżorsi disponibbli kif ukoll l-opportunitajiet ta' finanzjament addizzjonali marbuta ma' diversi programmi u proġetti tal-Unjoni Ewropea. Żgur li l-Kunsilli Lokali Għawdxin kienu minn ta' quddiem fost dawk li bbenefikaw minn dawn il-programmi u proġetti li stajna nibbenefikaw minnhom bis-saħħa ta' sħubija fl-Unjoni Ewropea. Naħseb ma nkunx niżbalja jekk ngħid li pajjiżna immassimmizza l-potenzjal tas-sħubija anke permezz tal-Kunsilli Lokali li kienu fonti ta' inizjattivi siewja għall-ġid tal-lokalitajiet rispettivi tagħhom li finalment swew ukoll ta' ġid għall-pajjiż kollu. Dan forsi jgħodd b'mod partikolari għal Għawdex fil-kuntest reġjonali minħabba n-numru ta' Kunsilli li bbenefikaw meta mqabbla mad-dimensjonijiet ġeografiċi u demografiċi tiegħu. Irrid infakkar li f'Għawdex għaddejna minn esperjenza partikolari fejn il-Ministeru għal Għawdex kien punt ta' riferiment għall-Kunsilli Lokali Għawdxin speċjalment fl-ewwel snin tal-ħidma tagħhom kif ukoll fl-ewwel snin ta' sħubija tal-Unjoni Ewropea.

# KUNSILL ĊIVIKU TA' GĦAWDEX

## Esperjenza tal-Passat jew Mudell għall-Futur?

Hawnhekk nixtieq infakkar li l-Gvern ukoll ħaseb biex jindirizza 10 fil-mija tal-fondi allokati mill-Unjoni Ewropea għal Malta biex jintużaw fi proġetti f'Għawdex. Dan qed iservi biex inkomplu ninvestu fi proġetti infrastrutturali u soċjali biex jiġu mtejba l-kompetittività u l-kwalità tal-ħajja. Uħud mill-fondi qed jiffinanzjaw proġetti ta' natura inter-reġjonali flimkien ma' pajjiżi oħra Ewropej fejn qed jiġu promossi kunċetti bħal ma huma networking kif ukoll qsim ta' esperjenzi f'setturi speċifiċi. Dawn jinkludu fost l-oħrajn turiżmu, prattiċi ambjentali u agrikoli tajbin, tisħiħ fl-abiltajiet u l-kompetenzi fil-qasam tax-xogħol kif ukoll it-tisħiħ tal-identità nazzjonali u reġjonali f'kuntest Ewropew.

Dan kollu seħħ matul l-istorja riċenti ta' din il-gżira tagħna li ħafna minna għixnihom u wħud konna anke parteċipi fihom. U allura meta wieħed iqis dan kollu fil-kuntest ta' dik li kienet it-tema prinċipali tad-diskussjoni tal-lum, wieħed ma jistax ma jinnutax dak li nkiseb minkejja ċ-ċokon fid-dimensjoni ġeografika u l-limitazzjonijiet tar-riżorsi ta' pajjiżna. Iva, naħseb li għandna nkunu sodisfatti li matul dawn l-aħħar 50 sena Għawdex kompla jibni fuq dak li nbeda 50 sena ilu bit-twaqqif tal-Kunsill Ċiviku Għawdxi. Meta nħarsu lura ninnutaw dak li sar tajjeb iżda ninnutaw ukoll fatturi oħra li forsi setgħu marru aħjar kieku kien hemm aktar kollaborazzjoni u kieku r-riżorsi ntużaw aħjar.

Dan iwassalni biex fl-aħħar ta' dan l-intervent nesprimi dak li fil-fehma tiegħi għandu jiggwidana fl-impenn tagħna b'risq il-futur ta' din il-gżira li hi tant għal qalbna. Impenn indirizzat biex ikompli jsaħħaħ il-ġid għall-benefiċċju tal-poplu Għawdxi filwaqt li jippreserva u jipproteġi l-identità u l-wirt storiku, kulturali u ambjentali ta' din il-gżira għall-ġid ta' ġenerazzjonijiet futuri.

F'dan l-intervent xtaqt li nkun pożittiva għax nemmen li s-soċjetà Għawdxija ta' żmienna qed tgħix sitwazzjonijiet li huma diversi minn dawk li kienet tgħix is-soċjetà ta' 50 sena ilu. Bħal kull ħaġa oħra hemm lati pożittivi kif ukoll oħrajn negattivi iżda żgur li:

- Ilum f'Għawdex għandna qasam edukattiv li qed jagħti edukazzjoni inklużiva u formattiva lit-tfal kollha tagħna filwaqt li qed naraw li ħafna mill-istudenti żgħażagħ tagħna qed ikomplu bl-edukazzjoni terzjarja. Anke hawn żdiedu s-servizzi fil-qasam tat-tagħlim vokazzjonali f'Għawdex stess filwaqt li ħafna żgħażagħ Għawdxin qed ikomplu jistudjaw anke f'Malta jew barra minn xtutna.
- Illum għandna qasam tas-saħħa li qed ikompli jżid is-servizzi mediċi biex kemm jista' jkun itaffi u jnaqqas it-traġitti għal sptarijiet f'Malta.
- Illum għandna qasam soċjali ferm aħjar minn dak ta' ftit għexieren ta' snin ilu.
- Illum il-gżira ta' Għawdex hija aċċessibbli ferm aktar. Anke hawn ma jfissirx li ma hemmx fejn niżviluppaw iżda wieħed irid jirrikonoxxi dak li sar.
- Fi ftit ġimgħat oħra ser inkomplu ntejbu l-aċċessibiltà fuq il-gżira permezz tal-introduzzjoni tas-sistema ġdida tat-trasport pubbliku li ser ittejjeb mhux ftit dan is-servizz.
- Qed ikomplu x-xogħlijiet infrastrutturali li ser ikomplu jtejbu l-aċċessibiltà fit-toroq tagħna.
- Ser ikompli t-twettieq tal-inizjattivi nklużi fil-pjan ta' azzjoni relatat mal-viżjoni eko-Għawdex li ser ikomplu jindirizzaw żvilupp sostenibbli għal Għawdex.
- Ser ikompli r-restawr ta' wħud mis-siti storiċi ewlenin biex dawn ngħadduhom lil ta' warajna.
- Fuq kollox ser tkompli ħidma f'kull lokalità f'Għawdex kemm min-naħa tal-Ministeru għal Għawdex kif ukoll min-naħa tal-Kunsilli Lokali u l-Kumitati Amministrattivi li huma parti mill-Kumitat Reġjonali.

Dan jikkonverġi għall-aħħar punt li bih xtaqt nagħlaq dan l-intervent. Nemmen li l-passat jista' jkun ta' gwida għal futur. Ftit qabel semmejt l-esperjenza pożittiva li minnha ggwadanja Għawdex permezz ta' kollaborazzjoni bejn il-Ministeru għal Għawdex u l-Kunsilli Lokali Għawdxin. Nemmen li r-rwoli rispettivi tal-Ministeru għal Għawdex, il-Kumitat Reġjonali flimkien mal-Kunsilli Lokali u l-Kumitati Amministrattivi għandhom l-istrutturi meħtieġa li jagħtu lok għall-amministrazzjoni Reġjonali ta' Għawdex f'kuntest Nazzjonali. Jekk dawn l-istrutturi jiġu mħaddma aktar bil-għaqal permezz ta' koperazzjoni u kollaborazzjoni, dan jista' jagħti lok għall-massimizzazzjoni tal-potenzjal u r-riżorsi li finalment jagħtu riżultati ferm aħjar għall-ġid tal-poplu Għawdxi kollu. B'hekk inkunu qed nimmassimmizzaw ukoll il-potenzjal ta' aktar suċċessi għal Għawdex bħala reġjun Ewropew.

# KUNSILL ĊIVIKU TA' GĦAWDEX

## Esperjenza tal-Passat jew Mudell għall-Futur?



Mr Anton Tabone



Mr. Luc Van den Brande



Onor. Chris Said



Onor. Giovanna Debono



Parteċipanti



Kumitat Organizzattiv (mix-xellug): Mr John Cremona, Dr Samuel Azzopardi, Mr Anton Tabone (Chairman), Mr Anton Said, Mr Johann Attard, Mr Aldo Formosa (Segretarju) quddiem il-monument tat-tabib Anton Tabone, l-ewwel President tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex.